# IL-POLITIKA LABURISTA GĦALL-FAMILJA

INSAĦĦU MILL-ĠDID IS-SISIEN TA' PAJJIŻNA

PJAN LABURISTA
BIDU ĠDID

KONFERENZA ĠENERALI ANNWALI 2007

PARTIT LABURISTA

# Werrej


KELMTEJN QABEL 3

INTRODUZZJONI 5

TWEMMIN

IL-VALUR TAL-FAMILJA 7

POLITIKA

POLITIKA DWAR IL-FAMILJA BĦALA L-FUS TAS-SOĊJETÀ MALTIJA 10

L-IŻVILUPP TAL-FAMILJA FID-DAWL TAL-BIDLA EKONOMIKA 11

L-IŻVILUPP TAL-FAMILJA FID-DAWL TAS-SEKULARIŻMU 14

IL-FAMILJA U L-UNJONI EWROPEA 15

IL-POLITIKA TAL-GVERN NAZZJONALISTA 17

POLITIKA LI SSAĦĦAĦ IL-KUNĊETT MIFTUĦ TAL-FAMILJA 20

POLITIKA LI SSAĦĦAĦ L-UGWALJANZA BEJN IS-SESSI 21

POLITIKA LI SSAĦĦAĦ ID-DRITTIJIET TA' U L-VALURI TAT-TFAL 22

POLITIKA LI SSAĦĦAĦ IS-SOLIDARJETÀ BEJN L-ETAJIET 23

POLITIKA LI TIKKONTRIBWIXXI GĦALL-INKLUŻJONI TAD-DGĦAJFA U L-ĦARSIEN TAL-VULNERABBLI 24

POLITIKA LI SSAĦĦAĦ, TIKKONSOLIDA U TTEJJEB IL-KONTRIBUT TA' L-ISTAT 29

POLITIKA LI TAGĦTI AĊĊESS GĦALL-ĠUSTIZZJA U LI TASSIGURA LI SSIR ĠUSTIZZJA 30

POLITIKA LI TKUN IMPLIMENTATA, MONITERJATA, EVALWATA U INFURZATA BL-AQWA MEZZI U RIŻORSI 30

POLITIKA LI TWASSAL GĦAL-ĦAJJA AKTAR SĦIĦA 31

KOMPLIMENTARITÀ U KONTINWITÀ FIL-POLITIKA

EDUKAZZJONI, FINANZI, EKONOMIJA, U L-ĦARSIEN U S-SOLIDARJETÀ SOĊJALI 32

KONKLUŻJONI

INĦARSU LURA, INĦARSU MADWARNA, INĦARSU 'L QUDDIEM 33

IL-PROPOSTI FIL-QOSOR 35

# Kelmtejn Qabel

Dan il-pjan għandu jitqies bħala parti mis-sensiela ta' dokumenti li l-Partit Laburista, ħareġ u għad irid joħorġ, dwar l-aġġornament ta` pjani tiegħu dwar il-qasam soċjali. Il-politika dwar il-familja ma tistax tittieħed f'iżolament, għaliex il-qasam tal-familja jittratta u jidħol fuq għadd kbir ta' aspetti soċjali, ekonomiċi u finanzjarji. Dan għaliex, aħna tal-Partit Laburista, nemmnu bis-sħiħ, li l-familja Maltija għandha verament tkun is-sisien ta' pajjiżna.

Għaldaqstant dan il-pjan għandu jkun meqjus bħala wieħed li jgħaqqad il-ħafna aspetti soċjali, ekonomiċi u finanzjarji, li diġà ssemmew b'mod jew b'ieħor fi pjani oħra u li huma parti integrali mill-politika soċjali u ekonomika proposta għat-twettiq minn Gvern Laburista ġdid.

Dan l-abbozz ta' politika Laburista għall-familja huwa stqarrija ta' fost affarijiet oħra: twemmin, prinċipji, kunċetti, għanijiet u miri ewlenin, li Gvern Laburista ġdid, jimpenja ruħu li jqegħdhom għad-diskussjoni ta' dawk kollha li fil-pajjiż jinteressahom u jaħdmu f'dan il-qasam. L-abbozz filwaqt li jesprimi għadd ta' miżuri konkreti, f'dan l-istadju qed jinżamm nieqes minn ċertu dettall minħabba raġunijiet ta' aktar żvilupp u tisħiħ ta' ideat, li permezz tagħhom il-Partit Laburista huwa kommess li jkompli jibni fuqhom il-pjani ta' ħidma konkreti. Hija x-xewqa tal-Partit Laburista li jkompli jiżviluppa u jsaħħaħ l-ideat tiegħu ma' aktar esperti, akkademiċi, familji, il-Knisja, korpi kostitwiti, għaqdiet mhux governattivi u organizazzjonijiet oħra, biex jassigura li jagħti spazju lil dawk kollha li jixtiequ jikkontribwixxu għal ġid komuni tas-soċjetà tagħna.

Il-Partit Laburista jemmen tassew fil-ħtieġa ta' għaqda u ta' koordinament sħiħ fl-iżvilupp u fis-sostenn ta' politika olistika nazzjonali għall-familja. Jinħtieġ bis-serjetà qabża fil-mentalità biex negħlbu l-isfortuna dominanti f'pajjiżna ta' kultura territorjali. It-tisħiħ ta' l-istituzzjoni tal-familja Maltija, f'dawn iż-żminijiet ta' taqlib soċjali u ekonomiku kbir, jista' jirnexxi biss jekk naħsbu u

naħdmu flimkien, b'mod ippjanat u kkoordinat.

Huwa għalhekk li l-Partit Laburista filwaqt li għandu l-ideat, il-pjani u l-miri tiegħu dwar kif irid iwettaq politika għall-familja, qiegħed f'dan l-istadju jressaq dan il-qafas. Il-Partit Laburista qiegħed iżomm lura milli jkun strett u tassattiv fuq l-ideat u l-pjani tiegħu, bil-għan li jħalli u jagħti l-ispazju kollu f'dan l-istadju, biex dawk kollha ta' rieda tajba f'pajjiżna u li jixtiequ jkunu wkoll parti mill-mutur għat-tisħiħ tas-sisien ta' pajjiżna, jħossuhom ħielsa, għax għandhom l-ispazju kollu, biex jersqu 'l quddiem ħalli jikkontribwixxu għal dan.

Il-Partit Laburista jemmen li l-politika għall-familja trid tkun tirrifletti l-aspirazzjonijiet u l-aspettattivi li jġib miegħu l-pluraliżmu ta' kulturi u twemmin differenti li llum jsawwru s-soċjetà Maltija. Il-Partit Laburista jemmen ukoll fil-kontribut ta' kulħadd biex tkompli tinħema u tkun sostnuta din il-politika għall-familja, biex tabilħaqq tkun politika nazzjonali li tgħaqqad lil kulħadd, u kulħadd iħoss l-impenn li huwa obbligat li jagħti l-kontribut sħiħ tiegħu fid-diversi fażijiet anki ta' l-implimentazzjoni tagħha.

Il-Partit Laburista jemmen ukoll li l-politika għall-familja trid tibqa' taħt l-iskrutinju ta' proċess kontinwu ta' moniteraġġ u evalwazzjoni, biex nassiguraw li l-istituzzjoni tal-familja, li trid tkun il-fus tas-soċjetà tagħna, u li qed tevolvi regolarment maż-żminijiet, minħabba l-bidliet soċjo-ekonomiċi li qed iseħħu bla waqfien, tibqa' relevanti u effettiva f'kull żmien.

Jinħtieġ ukoll li l-politika għall-familja, maqbula bejn dawk kollha involuti f'dan il-qasam, tkun implimentata u infurzata biex ma tkunx sempliċiment dokument sabiħ li jżejjen il-libreriji tagħna, iżda tkun mezz b'saħħtu li jaċċerta l-ilħuq tal-mira ewlenija: il-bini mill-ġdid tas-sisien ta' pajjiżna.

# Introduzzjoni

Matul is-snin, bil-bidliet soċjo-ekonomiċi li seħħew f'pajjiżna, ħafna drabi anki influwenzati minn dak li kien qed jiġri barra minn xtutna, ġabu bidliet sħaħ u qawwija, fl-istil tal-ħajja tad-diversi membri tal-familja Maltija. Il-bidliet soċjali u ekonomiċi, ħallew u għadhom iħallu impatt kbir fuq il-familja Maltija. Il-familja f'pajjiżna qed ikollha timxi maż-żmien u fil-proċess tagħmel il-bidliet meħtieġa biex timmodernizza u taġġorna ruħha. Il-familja Maltija ma tistax tirreżisti l-forzi tal-bidla li kellha u għandha madwarha, u huwa għalhekk li l-Partit Laburista, aktar u aktar jemmen fl-importanza li bil-politika tiegħu, jeħtieġ li jagħti stimolu u direzzjoni sana, biex filwaqt li l-membri tal-familji Maltin jagħrfu u jifhmu l-bidliet soċjo-ekonomiċi li seħħew u qed iseħħu madwarhom, fl-istess waqt jilqgħu u jirreaġixxu għal dawn il-bidliet b'bilanċ sħiħ bejn il-bżonn li naġġustaw għalihom, iżda mingħajr ma ħadd mill-membri individwali ma jabdika mir-responsabbiltà lejn in-nukleu tal-familja tiegħu, il-komunità li jgħix fiha u lejn is-soċjetà li jappartjeni għaliha, u dan ukoll f'rispett sħiħ lejn id-dinjità sħiħa li tixraq lid-diversità tas-soċjetà moderna li qed ngħixu fiha.

Studji riċenti ta' soċjoloġiċi barranin stabilixxew li l-familja għaddiet minn diversi stadji fil-proċess biex wasslet għal qagħda tal-lum. Permezz ta' studju li għamlu f'Londra fuq l-iżvilupp tal-familja moderna li jkopri mis-snin ħamsin sas-snin sebgħin [1950 – 1970] ġie identifikat li l-familja għaddiet minn bażikament dawn l-istadji ewlenin:

– Il-familja qabel l-industrijalizzazzjoni (*pre-industrial family*); Il-familja Maltija kienet f'dan l-istadju fi snin ta' qabel il-gwerra. Matul dan iż-żmien il-missier, l-omm kif ukoll it-tfal, kienu jagħtu daqqa t'id f'xi sengħa, li kienu jagħmlu mid-dar.

– Il-familja fil-bidu ta' l-industrijalizzazzjoni (*early industrial family*); Il-familja Maltija daħlet f'dan l-istadju madwar is-snin ħamsin, fil-bidu tar-rivoluzzjoni industrijali, meta l-missier beda jaħdem

bi qligħ barra d-dar, ma' xi kumpanija, f'xi fabbrika, filwaqt li l-omm bdiet terfa' ir-responsabbiltà tax-xogħol kollu tad-dar u l-kura tal-familja waħedha. Fil-proċess ta' dan l-istil ġdid fil-ħajja tal-familja li ġab miegħu dan l-istadju, insibu li l-għaqda bejn il-membri tal-familja bdiet tonqos minħabba li naqas il-ħin li kienu jqattgħu flimkien.

– Il-familja simetrika (*symmetrical family*); Il-familja Maltija daħlet f'dan l-istadju bil-mod il-mod, u ngħata bidu għalih malli l-omm bdiet toħroġ taħdem barra d-dar u bdiet tikseb ħlas għal xogħolha u sussegwentement indipendenza finanzjarja minn żewġha. Dan l-iżvilupp li wassal lill-mara anke għal teħid ta' deċiżjonijiet minnha wkoll u bidu ta' proċess ieħor fejn l-esiġenzi tax-xogħol tad-dar wassal u qed iwassal għal kooperazzjoni ġdida bejn in-nisa u l-irġiel, bir-riżultat ta' sens ġdid ta' għaqda bejn il-familja.

Il-familja Maltija llum żgur m'għadhiex dik li kienet qabel, għaliex seħħew bidliet radikali fiha minħabba r-rivoluzzjoni industrijali ddeddati minn ħtiġiet ekonomiċi, u li sussegwentement ħallew effetti soċjali importanti ħafna fuq il-familja in ġenerali.

Irridu nirrikonoxxu li sadanittant minkejja li l-familja Maltija bħala istituzzjoni baqgħet tagħmel minn kollox biex tippreserva l-valuri tagħha, madanakollu xorta waħda llum nsibu li wħud mill-valuri li qabel kienu, per eżempju, jiġu mogħtija lit-tfal mill-ġenituri, qed insibu li daħlu istituzzjonijiet oħra bħal *nurseries* u *kindergartens* li qed jieħdu ħsieb it-tfal fl-ewwel snin tagħhom minħabba li l-omm qed ikollha taħdem barra mid-dar ukoll. Għaldaqstant irridu nagħrfu u naċċettaw li hemm influwenzi ġodda fil-ħajja ta' uliedna sa miċ-ċokon, minħabba din il-bidla soċjo-ekonomika meħtieġa. Sa miċ-ċokon qed naraw li t-tnissil tal-valuri fil-membri żgħar u vulnerabbli tal-familja u tas-soċjetà tagħna m'għadux kompitu strett ta' l-omm u/jew taż-żewġ ġenituri, iżda hemm persuni oħra barranija għal dik il-familja partikolari li qed tkun fdata bil-ħarsien ta' l-ulied fl-ewwel snin ta' ħajjithom.

Iżda l-għarfien u l-aċċettazzjoni biss ta' bidliet fundamentali bħal dawn m'humiex biżżejjed. Pari passu ma' dan irridu nifhmu u nidentifikaw x'għandu jsir u fuq kollox nwettqu dak li jeħtieġ isir, biex nassiguraw li din il-bidla fundamentali minn familja tradizzjonali għal waħda moderna, issir b'mod li fil-proċess ma jintilfux dawk il-valuri li jagħmlu lill-membri individwali ta' kull familja, persuni dinjitużi u ċittadini xierqa ta' soċjetà bis-sens.

Minn meta l-mara ħarġet taħdem bi qliegħ barra mid-dar, nistgħu ngħidu li bdiet tinħatt l-immaġini tal-familja tradizzjonali. Din il-bidla ewlenija fl-istil tal-ħajja tal-familja, qajmet u kultant għadha tqajjem dibattitu sħiħ. Hemm min jgħid li peress li l-mara tinsab taħdem barra mid-dar għandha inqas ħin x'tiddedika għal familja, filwaqt li oħrajn jgħidu li anke jekk din taħdem barra mid-dar xorta ssib ħin għall-familja. Oħrajn jgħidu li minħabba l-fatt li l-mara qegħda taħdem barra mid-dar, ix-xogħol tad-dar illum għandu jinqasam bejn il-membri kollha tal-familja jew għall-inqas bejn iż-żewġ ġenituri indaqs minħabba li dawn it-tnejn jinsabu jaħdmu barra mid-dar għall-istess tul ta' ħin.

Bidla oħra qawwija li ta' min, minn stadju kmieni jidentifika minħabba effetti sinifikanti huwa l-fatt li minħabba li l-mara li qed taħdem barra mid-dar qed iġġib ukoll dħul finanzjarju bħal żewġha, ir-raġel ma baqax il-persuna ewlenija li ġġib l-ħobża ta' kuljum lejn id-dar. Dawn il-bidliet, għalhekk jibdlu il-kunċett kollu tal-familja tradizzjonali fejn konna nsibu l-omm dejjem id-dar taħdem għas-servizz komplet tal-familja u l-missier biss kien jaħdem barra mid-dar.

Karratteristiċi ewlenin li dejjem iddistingwew lill-familja Maltija minn soċjetajiet oħra, huma s-sens ta' għaqda u ġabra li sa ftit snin ilu kienet mill-aktar prominenti fil-karattru tal-familja Maltija. Iżda llum minħabba diversi fatturi fosthom ukoll minħabba l-bżonn li jeżisti li ż-żewġ ġenituri jaħdmu barra mid-dar qed iqattgħu anqas ħin flimkien.

Bil-mod il-mod dawn il-bidliet ukoll ġabu u qed iġibu bidliet oħra, bħal per eżempju fuq il-karatteristika oħra sinifikanti tas-soċjetà Maltija, dik ta' l-eżistenza tal-familja estiża, fejn il-qraba ta' aktar minn familja nukleari waħda jgħixu flimkien, jiġifieri meta l-ulied wara li jiżżewwġu jibqgħu jgħixu mal-ġenituri tagħhom jew inkella jieħdu l-ġenituri tagħhom jgħixu magħhom.

Karatteristika oħra tal-familja tradizzjonali li ntlaqtet mill-bidliet soċjo-ekonomiċi matul il-medda tas-snin, huwa l-fatt li l-familja Maltija illum qed ikollha ferm anqas ulied. Il-familja Maltija llum ċkienet bħal f'ħafna pajjiżi oħra. Ma kienux biss il-konsiderazzjonijiet ekonomiċi u soċjali li wasslu għal din il-bidla fin-numru tal-membri tal-familja, iżda anki is-sekulariżmu ħalla l-effett tiegħu fuq il-kobor tal-familja Maltija. Hawnhekk naraw li s-soċjetà Maltija m'għadhiex tkun influwenzata b'mod assolut mill-Knisja.

Illum naraw li bl-iżvilupp tas-sistema edukattiva u l-firxa wiesgħa ta' opportunitajiet edukattivi, ħafna ġenituri partikolarment dawk aktar żgħażagħ qed jagħtu importanza sħiħa lill-edukazzjoni u lill-karriera personali tagħhom qabel ma jibdew jaħsbu biex jifformaw familja, għalkemm irid jintqal ukoll li l-istil tal-ħajja tinbidel minn familja għal oħra minħabba diversi fatturi, fosthom l-età, l-edukazzjoni tal-ġenituri u t-tip ta' xogħol.

# Twemmin

## IL-VALUR TAL-FAMILJA

Il-Partit Laburista sa mit-twaqqif tiegħu dejjem saħaq fuq l-importanza ta` politika għaqlija li żżomm pass mal-bidliet soċjo-ekonomiċi li kontinwament jisfidaw lis-soċjetà. It-*track record* tal-Partit Laburista jurina li f'kull żmien ħadem bis-sħiħ biex itaffi kemm jista' jkun l-impatti negattivi li dan it-tibdil jista' jkollu, partikolarment, fuq il-membri vulnerabbli tas-soċjetà Maltija. Fl-istess waqt però, il-Partit Laburista dejjem għaraf, apprezza u ħadem biex isaħħaħ dak kollu li jista' jkun ta' vantaġġ

għal pajjiżna, billi jagħti l-ispazju meħtieġ lil dawk kollha li bl-inizjattiva tagħhom kapaċi jaqdfu għal rashom, filwaqt li wkoll bl-istess ħeġġa, il-Partit Laburista dejjem ħadem biex jagħti stimolu lil dawk li bi ftit inkoraġġiment f'waqtu, huma wkoll ikunu kapaċi jieqfu fuq saqajhom, mingħajr ma nesa qatt il-missjoni soċjali tiegħu li jkun ta' wens, appoġġ u solidarjetà lil dawk li jibqgħu jeħtieġuha għal żmien indeterminat.

F'dan il-kuntest, li l-Partit Laburista jaqbel u jippromwovi l-mudell soċjali Ewropew, hekk kif ġie artikolat fis-seduta tal-Parlament Ewropew f'Settembru tal-2006. Dan il-mudell huwa bbażat fuq viżjoni ta' soċjetà li torbot it-tkabbir ekonomiku mat-titjib fil-livell ta' l-għixien u fil-kwalità tal-ħajja, mat-titjib fil-kundizzjonijiet tax-xogħol, mas-sostenn ta' opportunitajiet indaqs, mal-ħarsien soċjali għal kulħadd, ma' l-inklużjoni soċjali ta' l-emarġinati u dawk bla vuċi, u ma' l-involviment u l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fid-deċiżjonijiet li jolqtuhom mill-qrib.

Il-Partit Laburista jqis dan il-mudell bħala il-bażi tal-politika soċjali tiegħu. Il-politika tal-Partit Laburista fuq il-familja trid tkun it-twettiq fil-prattika ta' dan kollu. Il-Partit Labursita jagħraf il-bidliet irriversibbli li seħħew u li qed iseħħu, ikkawżati minn żviluppi ekonomiċi u soċjali li laqtu u qed jolqtu din l-istituzzjoni hekk importanti għas-soċjetà Maltija, il-familja. Jagħraf bis-sħiħ ukoll li dawn il-bidliet ħallew u qed iħallu impatti kemm negattivi, kif ukoll pożittivi fuq is-soċjetà in ġenerali Maltija.

Għaldaqstant, il-Partit Laburista jipproponi politika li għandha żewġ għanijiet ewlenin: dik li ssaħħaħ l-effetti pożittivi tal-bidla soċjo-ekonomika fuq is-soċjetà Maltija, filwaqt li jagħmel minn kollox biex iħares lil min hu l-iktar dgħajjef, emarġinat u vulnerabbli b'konsegwenza ta' l-effetti negattivi u d-diffikultajiet ġodda li din il-bidla qed iġġib magħha.

Il-Partit Laburista, f'kuntrast evidenti mal-Partit Nazzjonalista, jirrifjuta li jħalli istituzzjoni soċjali daqshekk ċentrali għas-soċjetà Maltija timxi għal riħha, mingħajr direzzjoni, abbandunata fil-ferneżija għatxana tal-forzi tas-suq.

Il-Partit Laburista jħares lejn il-valur tal-familja bħala valur ewlieni li jiggarantixxi l-istabbiltà u l-kontinwità tas-soċjetà Maltija. Huwa preċiżament dan il-valur illi joħloq kunsens bejn il-membri kollha tas-soċjetà fuq l-iskop tal-ħajja u t-triq li jrid jimxi sabiex wieħed jew waħda jilħaq dan l-iskop. Il-familja tagħmel dan billi tiddefinixxi u tapplika l-parametri prattiċi, morali u legali li wieħed jew waħda għandu bżonn sabiex jgħix ħajja tajba u jkun ta` kontribut għal ta' madwaru, tgħallem u teduka l-membri ġodda tas-soċjetà fuq kif għandhom jgħixu ħajja tajba, ġusta u produttiva, billi tagħti kenn, wens u solidarjetà lil min hu dgħajjef, vulnerabbli u bla vuċi.

Il-familja Maltija, tagħti wkoll skop u viżjoni għal ħajja billi toffri u tipperpetwa mudell ta' ħajja fejn il-ħtiġiet u l-aspirazzjonijiet ta' l-individwu, jiġu kollha sodisfatti.

Il-Partit Laburista jemmen, li l-familja Maltija, bħala familja tipikament Mediterranja u Ewropea hija partikolarment influwenzata mill-valuri nsara li, sa minn żmien l-miġja tal-Kattoliċiżmu f'din il-gżira, servew ta' gwida għal poplu Malti fi żminijiet ta' gwerra u ta' paċi, ta' għana u ta' faqar. Il-familja Maltija mhux biss hija msejsa fuq valuri insara, iżda hija tabilħaqq manifestazzjoni ta` dawn l-istess valuri: il- valur tax-xogħol imsejjes fuq il-bżulija li dejjem ikkaretterizzat il-mixja tal-poplu Malti matul il-medda taż-żmien, is-sens ta' altruiżmu u ta' ġenerożità immedjati lejn sitwazzjonijiet umani, il-virtù ta' l-umiltà li tat lil Maltin identità ta' poplu ġenwin u l-karattru ottimist ta' tant Maltin li bis-saħħa tiegħu, pajjiżna irnexxielu jilqa' u jegħleb tant u tant sfidi qawwija matul iż-żminijiet.

Dawn huma valuri mill-aktar qawwija u li d-dinja tal-lum għandha wisq bżonnhom. Il-Partit Laburista jemmen li ħafna u ħafna familji Maltin għandhom iħaddnu u jgħożżu dawn il-valuri.

Minkejja dawn il-valuri tant pożittivi, bidliet riċenti ta' natura soċjo-ekonomika li ħakmu lid-dinja globalizzata u li qed iħallu effett fuq Malta, qed iwasslu lil ħafna biex saħansitra jiddubitaw mill-benna ta' dawn il-valuri. Fil-proċess tal-bidla mill-familja tradizzjonali għal familja moderna, sar u qed isir telf ta' wħud minn dawn il-valuri importanti li kienu, għandhom u jibqgħu, il-pedament li fuqhom tinbena u tkun sostnuta l-familja Maltija.

Matul dawn l-aħħar snin, rajna żieda f'forom ġodda ta` familji li, għal raġunijiet varji, qed iħallu impatt fuq il-mudell tradizzjonali tal-familja. Rajna wkoll żieda fil-kwantità ta` nies li jagħżlu l-ħajja ta' ċelibat mill-ħajja miżżewġa. Qegħdin insiru xiehda wkoll tal-bidla fir-rwol tal-iStat. Fejn qabel kien l-uniku difensur tal-ħarsien soċjali, illum, l-iStat jirrikonoxxi u jeħtieġ il-kontribut kbir illi l-familja tista` toffri sabiex tabilħaqq ngħixu f'soċjetà fejn is-sostenn tal-ħarsien soċjali jibqa' wieħed tanġibbli għal kulħadd.

F'dan il-kuntest l-għan ewlieni tal-politika tal-Partit Laburista hija li ssaħħaħ il-leġittimità ta' l-istituzzjoni tal-familja, u li ġġedded il-validità ta' dawn il-valuri bħala l-aħjar triq lejn ħajja sħiħa u mimlija fis-soċjetà ta' llum. Il-Partit Laburista jistqarr li għall-ġid tas-soċjetà, l-istituzzjoni tal-familja, tkompli tissaħħaħ biż-żwieġ, għaliex iż-żwieġ huwa bħal kuntratt. L-għaqda bejn mara u raġel fiż-żwieg, hija stqarrija ċara u xhieda pubblika li lesti li jidħlu għal dan l-impenn.

Sadanitant, il-Partit Laburista irid jagħti l-wens, l-appoġġ u s-solidarjetà, lil min qed jintlaqat ħażin mill-bidliet soċjo-ekonomiċi li qed iseħħu madwarna. Għal dan il-għan, il-Partit Laburista jipproponi politika li ttaffi l-impatti negattivi tar-realtajiet ġodda li qed ibiddlu l-istituzzjoni tal-familja, politika illi tħares id-drittijiet tat-tfal, drittijiet tan-nisa, timmpromwovi l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, tgħin fil-bini mill-ġdid ta' solidarjetà effettiva bejn il-ġenerazzjonijiet, u tgħin fit-tisħiħ ta' miżuri effettivi għall-emanċipazzjoni ta' l-emarginati u tal-vulnerabbli fis-soċjetà Maltija, fost oħrajn il-persuni b'diżablità, l-anzjani u familji b'ġenitur wieħed.

Il-Partit Laburista jemmen illi huwa primarjament id-dover tal-iStat illi jantiċipa l-effetti ħżiena tal-bidliet soċjo-ekonomiċi u jindirizzahom minn qabel b'mod effettiv u effiċjenti. Il-Partit Laburista jemmen li għandu jħaddem politika proattiva biex l-effetti u l-impatti negattivi tal-bidliet soċjo-ekonomiċi li qed iseħħu madwarna ma jilħqux jagħfġu lil dawk li l-anqas jistgħu jilqgħu għalihom. Waqt li fl-istess ħin, il-Partit Laburista jemmen li l-politika tiegħu għandha tippromwovi u ssaħħaħ l-effetti siewja u pożittivi ta` dawn it-tibdiliet, fl-aħjar interess ta' kulħadd, partikolarment dawk li qegħdin l-aktar fil-bżonn.

Għaldaqstant, huwa għan ewlieni għal Partit Laburista, li filwaqt li jkabbar u jsaħħaħ l-istrutturi kurattivi biex isostnu lil dawk li jkunu laħqu nħakmu minn xi għawġ, hija l-mira ewlenija tiegħu li jibni u jsaħħaħ bil-kbir l-istrutturi li bihom u fihom titwettaq ħidma preventiva, biex jiġi żgurat li jsir l-isforz kollu, ħalli fejn huwa possibbli nilqgħu u negħlbu d-diffikultajiet u l-problemi qabel dawn jaħkmu lill-familja. Il-Partit Laburista jemmen f'investiment qawwi fil-prevenzjoni, biex jinħlew mill-anqas riżorsi fil-kura, b'hekk jonqsu dawk li jaqgħu fil-gwaj u li sussegwentement ikollhom bżonn il-kura.

# Politika

## POLITIKA DWAR IL-FAMILJA BĦALA IL-FUS TAS-SOĊJETÀ MALTIJA

Fuq il-bażi tal-prinċipji u r-raġunar li ġew enfasizzati hawn fuq, il-Partit Laburista jħares lejn il-familja bħala l-istituzzjoni ewlenija fis-soċjetà tagħna, istituzzjoni li l-funzjonijiet tagħha jaffettwaw direttament il-kuntest soċjo-ekonomiku sħiħ ta' pajjiżna. Huwa proprju għalhekk li l-Partit Laburista jagħżel li jqis il-politika tal-familja bħala il-fus tal-politika soċjali tiegħu.

Il-Partit Laburista, jemmen illi l-istituzzjoni tal-familja għandha sservi bħala l-materja prima u l-qafas tal-istruttura soċjali Maltija. Abbażi ta` dan it-twemmin, il-Partit Laburista qiegħed jipproponi politika li ssaħħaħ mhux biss il-familja, iżda wkoll il-kontinwità u l-komplimentarità bejn il-familja u l-istituzzjonijiet soċjali l-oħrajn fil-pajjiż. F'dan il-kuntest il-Partit Laburista jagħraf bis-sħiħ ir-rabta li hemm bejn is-saħħa tal-familja, u n-nuqqas tagħha, l-edukazzjoni għad-diversi membri tal-familija u n-nuqqas tagħha, il-kriminalità, il-qgħad, is-saħħa mentali u dik fiżika, u l-iżvilupp ekonomiku tal-pajjiż.

Huwa proprju dan, flimkien mal-valuri intrinsiċi tal-Partit Laburista, valuri li dejjem ħarsu sabiex itejbu l-kwalità tal-ħajja ta' kulħadd, partikolarment ta' l-iktar batuti, dgħajfa, emarġinati u vulnerabbli, li fuqhom il-Partit Laburista qiegħed ifassal l-istrateġija tiegħu u sussegwentement il-politika tiegħu fejn għandha x'taqsam il-familja Maltija.

## L-IŻVILUPP TAL-FAMILJA FID-DAWL TAL-BIDLA EKONOMIKA

Il-bidla ekonomika li Malta, flimkien mal-kumplament tal-Ewropa, u tad-dinja qed iġġarrab, ma tonqosx milli tagħmel l-impatt tagħha fuq il-familja. L-iktar bidliet sinifikanti, per eżempju, il-globalizazzjoni, il-mixja lejn is-soċjetà ta' l-informazzjoni u l-ekonomija ta' l-għarfien u ta' l-innovazzjoni, il-moviment lejn ekonomija bbażata fuq is-servizzi, l-introduzzjoni ta' teknoloġija ġdida fuq il-postijiet tax-xogħol kif ukoll fid-djar, qed iwasslu, dejjem b`pass iktar mgħaġġel għal modi ġodda ta' ħajja u ta' xogħol, modi li qed ibiddlu l-istil ta' ħajja u l-għamla tal-familja Maltija.

L-impatt ta' dawn it-tibdiliet huwa wiesa' u jvarja, minn moderat għal qawwi, u minn pożittiv għal negattiv. Fuq naħa minnhom, wieħed ma jistax jinjora l-potenzjal enormi li dawn l-iżviluppi għandhom għas-soċjetà Malitija. Il-forom ta' xogħolijiet ġodda, proċessi u teknoloġija qegħdin jgħinu sabiex isaħħu l-pedament ekonomiku tal-pajjiż, u wkoll sabiex iħaffu l-mixja minn ekonomija rurali/industrijali, għal ekonomija bbażata fuq is-servizzi.

Żvilupp f'dawn l-oqsma jwassal lejn rati iktar mgħaġġla ta' tkabbir ekonomiku, iktar xogħol, u iktar impiegi. Fi ftit kliem dawn it-tibdiliet huma parti integrali mill-iżvilupp sostenibbli ta' pajjiżna sabiex jilħaq il-miri ta' l-Aġenda ta' Lisbona, u l-ideal ta' soċjetà moderna u żviluppata, iżda li għandha tkun impenjata lejn il-prinċipju tat-tqassim ekwu tal-ġid u dak tal-ġustizzja soċjali.

Fuq in-naħa l-oħra, madanakollu, wieħed lanqas ma` jista` jinjora t-theddida illi dawn il-bidliet qed ipoġġu fuq l-istil ta' ħajja li dejjem għexna bih f'dan il-pajjiż. Xogħlijiet u snajja` tradizzjonali, snajja` li ħafna drabi kienu jsostnu familji sħaħ, qed jgħibu bil-gozz.  Kif ukoll qed jinqatgħu negozji immexxija u maħduma minn membri ta' l-istess familja biss, dawk li jissejħu *family businesses*.  Dan il-fenomenu jista' faċilment jikkontribwixxi għal żieda fil-qgħad, dejn pubbliku, kriminalità, aljenazzjoni u żbilanċ fl-ekwilibriju soċjali, dejjem jekk inħallu l-bidliet jirkbuna għax nibqgħu ċassi quddiemhom u ma nagħmlu xejn biex minn dan il-proċess ta' żvilupp nieħdu l-aħjar u ngħinu biex intaffu l-impatti l-oħra li jistgħu jixxukkjaw lill-familja.

Dawn il-bidliet fl-ordni ekonomika dinjija, u sussegwentement f'pajjiżna qed joħolqu esiġenzi ġodda fuq is-soċjetà Maltija li qed jeffetwaw b'mod dirett lill-familja. L-aspirazzjonijiet u l-aspettattivi tagħna bħala soċjetà dejjem qed jiżdiedu.  Għaldaqstant pajjiżna jrid mhux biss ilaħħaq mal-bidliet ekonomiċi li qed iseħħu madwarna iżda jrid bilfors jaġġorna ruħu biex ikun f'qagħda li jlaħħaq ma' l-aspirazzjonijiet u ma' l-aspettattivi tal-membri tas-soċjetà li qed jgħixu fiha.

F'dan il-kuntest illum, qed naraw per eżempju l-esiġenza li aktar nisa joħorġu jaħdmu bi qligħ barra l-familja.  Dan il-bżonn mhux biss huwa xprunat mill-ħtieġa ekonomika għat-tkabbir tal-ġid nazzjonali, iżda huwa xprunat u meħtieġ ukoll, biex il-familja jkollha d-dħul finanzjarju adekwat biex tlaħħaq ma' l-aspirazzjonijiet u l-aspettattivi ta' l-istil ta' ħajja li llum kull individwu jippretendi li għandu dritt għalih.

Għaldaqstant insibu kif it-trobbija ta' l-ulied qed titħalla minn kmieni f'idejn ħaddieħor u mhux aktar f'idejn l-ommijiet. Il-valuri u l-użanzi, li fl-imgħoddi kienu jgħaddu għand l-ulied minn ċkunithom permezz ta' ommhom, illum huma fdati f'idejn dawk li qed jieħdu ħsieb istituzzjonijiet għall-kura u l-edukazzjoni tat-tfal. Għaldaqstant mill-ewwel f'dawn iċ-ċirkostanzi joħorġu esiġenzi u bżonnijiet oħra u ġodda. Bżonnijiet li llum is-soċjetà trid tassigura li tipprovdihom. Hemm il-bżonn ċar per eżempju, li l-*carers* u l-għalliema tat-tfal ikunu konxji tar-responsabbiltà ħafna akbar minn qabel, li llum għandhom fuq spallithom, fix-xogħol li qegħdin iwettqu. Għaldaqstant, il-politika ġdida Laburista se tkun qed tieħu in konsiderazzjoni dawn il-fatturi, toħloq mhux biss kuxjenza għal dawn il-bżonnijiet ġodda, iżda tagħti l-mezzi biex dawk li jiġu f'kuntatt mat-tfal fl-istituzzjonijiet rispettivi, jkunu mhux biss konxji, iżda mħarrġa biex jagħtu u jgħaddu dawk il-*life skills* u dimensjoni ta' valur u użanzi sani lejn il-ħajja, li qabel kienet tkun l-omm b'mod partikolari li tgħaddihom lil uliedha.

Qed naraw ukoll li l-esiġenzi li qed jinħolqu minħabba l-bidliet ekonomiċi, prattikament qed jeqirdu bil-mod, il-mod il-familja estiża, fis-sens fejn jekk qabel l-anzjani tagħna kienu jibqgħu jsibu l-wens tal-familja ta' uliedhom, illum dan il-wens qiegħed jispiċċa u għalhekk ħafna anzjani fl-età fejn iħossu u ma jkunux aktar indipendenti qed ikollhom ifittxu l-istituzzjonijiet fejn iqattgħu l-aktar żmien vulnerabbli f'ħajjithom. Fir-rigward tal-qasam ta' l-anzjani nsibu bidliet oħra li qed ikomplu jagħfsu fuq is-soċjetà tagħna, il-bidliet demografiċi, li qed iżidu mhux biss in-numru ta' anzjani, iżda qed joħolqu esiġenzi ġodda fuq is-soċjetà, li jeħtieġ nilqgħu bis-serjetà għalihom. Hawn ukoll ir-rwol tal-*carers* hija ċentrali.

Il-Partit Laburista mhux biss huwa konxju ta' dan kollu, iżda għadu jemmen fil-bżonn u l-importanza li l-anzjani tagħna kemm jista' jkun jibqgħu fl-aktar żmien vulnerabbli jgħixu fl-ambjent tal-komunità li jafu u għaldaqstant il-Partit Laburista se jkun qed jiżviluppa politika li tinċentiva lil dawk fil-familja estiża li jixtiequ jkunu *carers* ta' xi familjari anzjani tagħhom. Dan l-impenn il-Partit Laburista lest li jidħol għalih billi l-ewwelnett jagħrbel dak li sal-lum qed jiġi offrut, jeħles mill-anomaliji u d-diskriminazzjoni li sal-lum għadhom jeżistu bejn dawk li jixtiequ jindukraw u jikkuraw lil dawn il-familjari anzjani tagħhom u jintroduċi miżuri ġodda biex effettivament, għadd ta' anzjani ma jkollhomx il-ħtieġa li fl-aħħar ta' ħajjithom jitbegħdu mill-familja, mill-komunità u jistituzzjonalizzaw irwieħhom fejn sfortunatament, ħafna drabi jħossuhom aktar numru milli individwi bid-dinjità li tixirqilhom.

Il-Partit Laburista jimpenja ruħu li jirregola dan is-settur tal-*carers* anke permezz ta' leġislazzjoni li tagħraf ir-responsabbiltà, l-obbligi u d-drittijiet tagħhom.

Il-globalizazzjoni qegħda wkoll tesponi lill-Maltin għall-użanzi ġodda, użanzi barranin, li ħafna drabi jkunu ħafna iktar konvenjenti u komdi minn dawk il-valuri li dejjem trabbejna bihom. Użanzi li jappellaw aktar għall-individwalità milli għall-kollettività. Użanzi li qed jiżviluppaw mentalità u kultura kbira ta' konsumeriżmu li jappella sew għall-egoiżmu ta' l-individwu u li ħafna drabi jnessu b'mod

komplet, mis-sens ta' obbligu li l-individwu għandu jkollu lejn is-soċjetà.

Dan it-taħlit ta' ideat u drawwiet barranin u ġodda, kontinwament imbuttati mit-turiżmu, mit-televiżjoni, u mill-*internet*, qed iħallu impatt kbir fuq is-soċjetà Maltija, u fuq l-ideat tagħna fil-familja.  Iż-żmien fejn il-parametri u l-miri tal-ħajja li wieħed jista' jaspira għalihom kienu stabbilliti u rikonoxxuti minn kulħadd u trasmessi minn ġenerazzjoni għall-oħra mill-familja, mill-iskejjel, mill-Knisja u mid-duttrina qiegħed iħallina b'pass mgħaġġel. Illum l-aspirazzjonijiet tal-ħajja twessgħu, u l-parametri tal-metodi li huma permessi sabiex wieħed jew waħda jilħqu l-miri tagħhom infetħu, u ċ-ċittadini Maltin iktar u iktar qed jagħżlu dak l-istil ta' ħajja li qiegħed kontinwament jiġi promoss u popolarizzat  mit-televiżjoni u mill-*internet*.  Dawn l-użanzi li f'ħafna każi qed jieħdu post il-valuri magħrufa u sostnuti għal għexieren ta' snin mill-familja Maltija, joħolqu fostna problemi, diffikultajiet u sfidi ġodda.

Fejn qabel il-familja kienet is-sur ta' l-istabbiltà, entità permanenti li toffri mistrieħ u ħarsien għall-membri tagħha, speċjalment għal dawk l-iktar dgħajfa u vulnerabbli, illum dawn l-obbligazzjonijiet u responsabbiltajiet saru ferm iktar laxki, bil-konsegwenza ħafna drabi illi l-iktar dgħajfa, jiġifieri t-tfal, l-anzjani u l-persuni b'diżabilità mhux dejjem qed isibu l-familja li toffrillhom kenn u wens,  u ħafna drabi qed insibu li wħud qed jispiċċaw mitluqa, emarġinati u/jew dipendenti fuq is-sosteniment u l-ħarsien ta` l-iStat.

Dawn il-bidliet għalhekk qed joħolqu gruppi ta` individwi, li huma l-iktar vulnerabbli u li għandhom l-ikbar ċans li jispiċċaw emarġinati, mhux produttivi u dipendenti fuq l-iStat fil-futur.  Dawn l-individwi huma it-tfal, partikolarment tfal li ġejjin minn familji instabbli, tfal li ġejjin minn familji li jinsabu f'diffikultà finanzjarja, u tfal li jsibu diffikultajiet iktar minn oħrajn fl-iżvilupp personali tagħhom, anzjani, in-nisa, ommijiet u missirijiet weħedhom, żgħażagħ illitterati jew mingħajr ħiliet u snajja` żviluppati, u persuni b'diżabilità.

Għall-problemi li qed jiffaċċjaw dawn in-nies, il-Partit Labrurista jipproponi politika li tanalizza bir-reqqa l-problemi li qed jiltaqgħu magħhom u li potenzjalment ser jiltaqgħu magħhom fil-futur, fl-istadji varji tal-proċess ta' ħajjithom. Il-Partit Laburista irid ikompli anzi jintensifika l-proċess ta' smigħ u diskussjoni, ta' analiżi, ta' leġislar fejn jeħtieġ, fit-tisħiħ ta' strutturi amministrattivi eżistenti u fejn jeħtieġ fi twaqqif ta' strutturi amministrattivi oħra effettivi u effiċjenti, primarjament fil-qasam edukattiv, tas-saħħa, tal-ħarsien u solidarjetà soċjali sabiex jittaffew id-diffikultajiet li dawn l-individwi, minħabba is-sitwazzjonijiet tagħhom iġarrbu iktar minn ħaddiehor.

Il-Partit Laburista jipproponi wkoll bilanċ ta' responsabbiltà bejn l-iStat u l-familja, fil-ħidma meħtieġa biex jiġu indirizzati dawn il-problemi u diffikultajiet.

## L-IŻVILUPP TAL-FAMILJA FID-DAWL TAS-SEKULARIŻMU

L-istħarriġ soċjoloġiku li perjodikament qed jitħejjew ma jonqsux milli jagħmel riferenza għall-bidla fis-sett ta' valuri li jiggvernaw il-ħajja tal-poplu Malti, fost popli oħra. Is-sekulariżmu, jew aħjar, il-bidla fil-valuri minn dawk reliġjużi għal dawk materjali u sekulari, li jiddominaw f'soċjetà u jiddeterminaw is-soċjetà, ukoll qed tħalli impatt sinifikanti fuq l-istil ta` ħajja u l-forma tal-familja. Importanti li nżommu f'moħħna li l-familja hija istituzzjoni li għal sekli twal, serviet bħala għalqa fejn il-valuri nsara fil-ħajja, fil-kuntest domestiku, ġew imħawla u indukrati.

Il-bidla f'dawn il-valuri, li hi primarjament ikkawżata mill-bidliet ekonomiċi tal-pajjiż, miż-żieda fil-kuntatti mal-barranin, u mill-iżvilupp tat-teknoloġija tal-komunikazzjoni u ta' l-informatika, qed iġġib magħha kemm effetti pożittivi kif ukoll negattivi għas-soċjetà Maltija. Min-naħa waħda, is-sekulariżmu qed isaħħaħ il-kuntatt ma' ideat ġodda u użanzi barranin, qed issaħħaħ il-kultura ta' tagħlim u ta' l-akkwist u tat-tkabbir ta' l-għerf, tat-tolleranza u tal-pluraliżmu f'ħafna oqsma.

Dawn il-valuri, f'soċjetà konservattiva bħalma kienet Malta fis-snin l-imgħoddija kienu jiddominaw il-ħajja ta` kull Malti u Maltija. Is-sekulariżmu effettwa partikolarment anki l-istess tifsira ta' familja. Fejn qabel ir-reliġjon kienet tobbliga lill-miżżewwġin li jiddedikaw ħajjithom biex jipprokrejaw, għal għadd ta' koppji llum il-prijorità m'għadhiex daqshekk l-ulied iżda saret iktar ir-relazzjoni ta' bejniethom u l-konsiderazzjoni ta' xi kwalità ta' ħajja qed u jridu jgħixu, konsiderazzjoni li tittieħed fil-kuntest tal-qagħda finanzjarja u soċjali tagħhom.

Dawn il-fatturi qed iwasslu għal għadd ta` koppji li ma jkollhomx iktar minn żewgt itfal kif ukoll hemm kwantità li dejjem qed tiżdied ta' koppji li jagħżlu li ma jkollhomx tfal.

Dan il-fenomenu soċjali għandu effetti sinifikanti ħafna. It-tibdil fid-daqs tal-familja qed ifisser livell ta' għejxien ġeneralment ogħla, filwaqt li t-tibdil relatat fl-istruttura demografika tas-soċjetà Maltija diġà qiegħed jinkwieta bosta studjużi u politiċi li jaħsbu illi fil-futur qarib, is-sistema kurrenti tal-*welfare state* m`hix sostenibbli għat-tul.

Il-Partit Laburista jsostni li politika soċjali għaqlija għandha tissalvagwardja l-ħarsien u s-solidarjetà soċjali ta' pajjiżna, u huwa għalhekk li tant jisħaq fuq il-ħolqien tal-ġid fil-pajjiż, biex dan ikun mezz li jilħaq dawn l-għanijiet. Għal dan il-għan, il-Partit Laburista jipproponi bilanċ tar-responsabbiltà fil-ħarsien tal-membri emarġinati tas-soċjetà bejn il-familja u l-iStat.

Min-naħa l-oħra, is-sekulariżmu qed joħloq vojt fil-valuri tal-bniedem, vojt illi sfortunatament, mhux dejjem qed jimtela b'valuri ġenwini u li jistgħu jkunu ta' kontribut siewi għas-soċjetà Maltija. Għalhekk huwa importanti illi politika soċjali għaqlija tippromwovi, tħeġġeġ, u tinkoraġġixxi bil-fatti, l-familja bħala l-enti li tagħti l-istil ta' ħajja ideali għal kulħadd.

Għall-Partit Laburista dan mhux kliem vojt, iżda permezz tal-politika tiegħu se jkun qiegħed jaħdem b'mod konkret biex jassigura li dawk li jridu jwaqqfu familja ma jkunux magħfusa bla rażan b'esiġenzi per eżempju finanzjarji li jiddettawlhom saħansitra l-istil ta' ħajja tagħhom u ta' l-ulied eventwali fil-familja. Illum, sfortunatament, li koppja takkwista fejn toqgħod, saret fost l-akbar uġigħ ta' ras, mhux biss sakemm jakkwistaw il-post li jixtiequ, iżda tul ħajjithom u dan għaliex iż-żieda bla rażan fil-prezzijiet fuq is-suq tal-propjetà qegħda prattikament tfaqqar u tgħejja lil kull familja li jkollha tixtri jew tikri fejn tgħix. L-għafsa finanzjarja għal kisba ta' *housing unit* biex koppja tibda familja qed titqies minn għadd ta' professjonisti fis-settur li qed tkun il-kawża mhux biss għad-deċiżjonijiet tal-koppja fir-rigward tal-kobor tal-familja iżda wkoll għall-istil ta' ħajja li qed ikollhom jgħixu, mhux b'għażla iżda b'impożizzjoni, u anke kaġun ta' ħafna tifrik ta' familji. L-istress li tant u tant koppji qed jidħlu fih qed ikun fattur għal ċerti *trends* li qed naraw iseħħu fis-soċjetà tagħna.

Ir-rata ta' familji mfarrka f'pajjiżna, sfortunatament qed tikber. Hafna jistqarru li dan ġej mill-fatt li l-familja llum ftit li xejn għad ikollha ċans biex tqatta` ħin flimkien għaliex biex tlaħħaq mal-piżijiet ta' *home loans*, kirjiet u esiġenzi finanzjarji oħra li jeżistu, iridu jaħdmu prattikament minn dlam sa dlam, bil-konsegwenza li l-komunikazzjoni bejn l-adulti u l-ulied tonqos kuljum u għal għadd sostanzjali qed tirriżulta wkoll f'konsegwenzi irreparabbli għaż-żwieġ tagħhom.

Fil-fatt ir-rata tas-separazzjonijiet f'pajjiżna qed tikber. Ir-rata ta' tfal b'diffikultajiet u problemi ta' natura kkaġunati minn instabbiltà fid-dar qed tikber ukoll. L-aqwa prevenzjoni għal dawn il-problemi hija l-impenn politiku li gvern responsabbli għandu jkollu lejn is-soċjetà. Ma nistgħux biex nagħmluha tal-moderni u ta' l-aġġornati, biex inħallu l-forzi tas-suq jaħdmu u jikkompetu, ninsew il-missjoni soċjali lejn tant membri tas-soċjetà tagħna. Lanqas m`hija responsabbiltà li nqisu biss dawn il-problemi wara li jinħolqu u biex intaffu l-kuxjenza soċjali tagħna nipprovdu għal programmi ta' kura. Il-brix soċjali li qiegħed jinħoloq ta' kuljum, se jkompli jgħerreq mhux biss lil dawk li huma direttament milquta iżda wkoll lis-soċjetà tagħna kollha kemm hi.

Għaldaqstant, Gvern Laburista ġdid jimpenja ruħu bis-serjetà li jindirizza l-problema tal-*housing* soċjali bis-serjetà mingħajr ma jtellef mill-ispazju li s-settur privat għandu u jista' jkollu.

## IL-FAMILJA U L-UNJONI EWROPEA

Ir-realtà ġdida ta' pajjiżna dik li sar membru sħiħ ta` l-Unjoni Ewropea ma tonqosx milli taffettwa l-istituzzjoni tal-familja Maltija. Il-familja, bħala l-entità bażika tas-soċjetà għandha sservi bħala pedament għall-politika nazzjonali u Ewropea f'diversi oqsma. Il-familja għandha rwol mill-aktar importanti fl-iżvilupp soċjo-ekonomiku ta' pajjiżna, fix-xogħol kontinwu u importanti biex jinħoloq il-ġid, jiġifieri jseħħ it-tkabbir ekonomiku u l-ħolqien ta' aktar opportunitajiet ta' xogħol u xogħol b'kundizzjonijiet xierqa għall-ħaddiema Maltin u Għawdxin.

Il-Partit Laburista jagħraf bis-sħiħ dan ir-rwol tal-familja Maltija, u jipproponi politika illi, bl-għajnuna tal-iStat, il-familja tista' tkun strumentali biex pajjiżna jilħaq il-miri ta` l-Aġenda ta' Lisbona, għal ġid komuni tal-Maltin. Għal dan il-għan il-Partit Laburista jintrabat li jgħin u jippromwovi l-intraprenditorjat mill-familja għal membri tal-familja u possibilment oħrajn.

Il-Partit Laburista jirrikonoxxi wkoll illi l-bidliet li qed iġġib magħha sħubija sħiħa fl-Unjoni Ewropea jistgħu jolqtu ħażin lil diversi gruppi ta` nies fis-soċjetà. Minħabba dan, il-Partit Laburista jipproponi politika illi tifhem u tistudja bir-reqqa l-problemi li qed jiffaċċjaw dawn in-nies, u jindirizzahom bl-iktar mod effettiv u effiċjenti, u dan b'konformità mal-wegħda ta' l-istess Konferenza Ġenerali tal-Partit Laburista fir-reviżjoni tal-politika barranija Laburista, fis-sena 2004. Fost dawn il-fatturi li għandhom il-potenzjal li jsiru problemi fil-futur, hemm il-moviment ħieles tal-ħaddiema, li jista' jwassal sabiex min mhux kompetittiv fis-suq tax-xogħol jitlef iċ-ċans ta' impieg; is-suq wieħed u l-i*standards* u r-regolamenti ġodda illi jistgħu jwasslu għall-kumpaniji mhux kompetittivi li jagħlqu l-operat tagħhom u b'hekk jiżdied il-qgħad. Huwa għalhekk li huwa aktar importanti li llum inħaddmu politika fejn il-proċess tar-ristrutturar, irid jitqies bħala proċess li jrid jitwettaq kontinwament u mhux b'mod skussjat.

Jeħtieġ li għal ġid tal-familji Maltin, inkunu proattivi f'kull sens u f'kull qasam biex kemm jista' jkun nilqgħu għall-problemi li jinġiebu fuqna minħabba fatturi li diġà semmejna, u mhux jilħquna u jgħaffġuna.

Wieħed ma jkunx għaqli jekk ma jagħmilx riferenza u ma jikkunsidrax l-opportunità li sħubija sħiħa fl-Unjoni Ewropea toffri għall-familja. Sħubija fl-Unjoni Ewropea tagħtina aċċess għal numru ta` programmi u fondi mill-Unjoni Ewropea li jistgħu jintużaw biex jgħinu direttament l-iżvilupp ekonomiku u soċjali ta' pajjiżna, li jaffettwa b'mod dirett, l-iżvilupp soċjo-ekonomiku tal-familja Maltija.

Għaldaqstant, Gvern Laburista ġdid irid ikun aktar effettiv u effiċjenti fil-mod ta' kif nistgħu bħala pajjiż nisfruttaw il-programmi ta' l-Unjoni Ewropea għall-iżvilupp tal-familja, u għalhekk se jgħarbel l-istrutturi eżistenti li twaqqfu biex jaċċessaw għal fondi u programmi soċjali potenzjali mill-Unjoni Ewropea, biex issaħħahom u fejn jinħtieġ anke jitlob għajnuna ta' esperti fil-qasam biex jassigura li jisfrutta l-possibbilitajiet b'mod mill-aktar sħiħ.

Hawnhekk ukoll, Gvern Laburista ġdid irid jaħdem mill-qrib ma' l-Għaqdiet Volontarji u l-Għaqdiet Mhux Governattivi, li jaħdmu f'tant oqsma soċjali diversi biex jingħataw l-għajnuna meħtieġa ħalli huma wkoll, jaħtfu kwalunkwe opportunità potenzjali li l-Unjoni Ewropea tista' toffri fi programmi u f'fondi għalihom.

## IL-POLITIKA TAL-GVERN NAZZJONALISTA

Il-politika tal-Gvern Nazzjonalista għall-familja tbati min-nuqqasijiet kbar. L-ewwelnett, il-valuri li fuqhom jimxi l-Gvern Nazzjonalista huma essenzjalment kontra l-intervent tal-iStat, intervent neċessarju sabiex tissaħħaħ din l-istituzzjoni u tkun ta` kontribut akbar għas-soċjetà Maltija fil-ġejjieni. Il-valuri li fuqhom mibni l-Partit Nazzjonalista jikkontradixxu wkoll l-importanza li wieħed jadatta maż-żminijiet u jindirizza problemi kurrenti minn lenti oġġettiva u razzjonali. Il-valuri li fuqhom mibni il-Partit Nazzjonalista huma intrinsikament esklużitorji, għaliex jonqsu milli jifhmu, jagħrfu u jittolleraw id-diversi forom ta' familja li llum qed jifformaw parti integrali mis-soċjetà Maltija.

Lil hinn mill-valuri, il-politika prattika tal-Gvern Nazzjonalista wkoll turi nuqqasijiet inkwetanti. Il-Gvern Nazzjonalista injora kompletament ir-rwol tal-familja fl-iżvilupp soċjo-ekonomiku tal-pajjiż u fl-ilħuq tal-miri ta' l-Aġenda ta' Lisbona. Injora wkoll ir-rabta li għandu jkun hemm bejn il-politika f'oqsma diversi u dik tal-familja. Xhieda ta' dan hemm in-nuqqas ta' rabta bejn il-politika edukattiva u l-politika dwar l-ulied, bejn il-politika tal-intraprenditorjat u dik tal-familja, in-nuqqasijiet kbar fil-leġislazzjoni.

Prova oħra ta' dan huwa il-mod ta' kif, il-Partit Nazzjonalista rrenda entitajiet nazzjonali li setgħu mhux biss jiżviluppaw *policies* nazzjonali b'saħħithom li permezz tagħhom setgħu jiġu segwiti strateġiji u pjani nazzjonali iżda wkoll permezz tal-ħidma tagħhom seta' intlaħaq koordinament sħiħ bejn id-diversi entitajiet li jaħdmu u jindirizzaw il-bżonnijiet f'dan il-qasam.

Hekk huwa l-każ tal-Kummissjoni Nazzjonali Familja. Għalkemm il-ħsieb wara t-twaqqif ta' din il-kummissjoni huwa tajjeb, il-Kummissjoni Nazzjonali tal-Familja ma ġietx mogħtija r-riżorsi u l-istrutturi li teħtieġ biex tkun tista` tħares lejn l-istampa sħiħa. Ix-xogħol li sar s'issa minn din il-kummissjoni sar bid-dedikazzjoni u s-sens ta' impenn tal-membri individwali tagħha.

Jidher ċar li minħabba dawn in-nuqqasijiet kellhom jagħżlu *issues* minn fost dawk ewlenin b'mod sporadiku biex jaħdmu fuqhom. *Issues* li huma importanti però li kieku din il-Kummissjoni kellha tingħata r-riżorsi u l-istrutturi amministrattivi meħtieġa. Flimkien ma' sens akbar ta' impenn u determinazzjoni politika, il-ħidma tagħha kienet tkun tista' tintrabat ma' *issues* f'oqsma oħra relatati, f'qafas ta' politika sħiħa u olistika. B'hekk il-politika tal-familja kienet tkun effettivament tista', mhux biss ittaffi l-impatt negattiv tal-bidla li s-soċjetà Maltija qed iġġarrab illum, iżda wkoll biex issaħħaħ u tippromwovi l-effetti tajbin u produttivi ta' din l-istess bidla.

Għaldaqstant, il-Partit Laburista huwa impenjat biex il-Kummissjoni Nazzjonali Familja, jagħtiha n-nifs biex taħdem, bl-għoti tar-riżorsi meħtieġa u bl-appoġġ ta' strutturi amministrattivi li jgħinuha tiżviluppa din il-ħidma.

Il-Kummissjoni Nazzjonali Familja jeħtieġ ikollha wkoll appoġġ xjentifiku effettiv. Għalhekk il-Partit

Laburista jagħraf il-ħtieġa ta' l-organizazzjoni ta' ċentru xjentifiku u akkademiku koordinattiv bejn id-diversi fakultajiet eżistenti fi ħdan l-Università ta' Malta, entitajiet oħra tal-gvern u organizazzjonijiet oħra mhux governattivi, biex il-Kummissjoni tkun sostnuta regolarment b'riċerka u studji ħalli twettaq ħidmietha b'mod professjonali u tiżgura li tikseb ir-riżultati mixtieqa.

Il-Partit Laburista iqis li l-Kummissjoni Nazzjonali Familja bħala l-konsulent u l-koordinatur ewlieni dwar dan il-qasam importanti fil-politika tiegħu, iżda wkoll jimpenja ruħu biex tkun l-istess Kummissjoni Nazzjonali Familja flimkien ma' dan iċ-ċentru xjentifiku u akkademiku koordinattiv għar-riċerka dwar il-familja, li jmexxu proċess kontinwu ta' moniteraġġ, ta' evalwazzjoni, ta' analiżi, studju (anki komparattiv), u riċerka għall-iżvilupp u s-sostenn ta' politika nazzjonali koordinata favur il-familja.

Il-Partit Laburista jimpenja ruħu li l-Kunsill Nazzjonali għat-Tfal jingħata rwol konsultattiv effettiv biex ikun jista' jkun il-mutur wara l-iżvilupp kontinwu ta' politika nazzjonali għat-tfal.

Min-naħa l-oħra l-Partit Laburista jimpenja ruħu wkoll biex iwaqqaf Dipartiment tat-Tfal bħala struttura amministrattiva effettiva biex jagħmilha ta' regolatur u jagħti l-appoġġ meħtieġ għall-iżvilupp ta' politika nazzjonali għat-tfal.  L-Irlanda għandha esperjenza tajba fit-tħaddim ta' Uffiċju Nazzjonali għat-Tfal u għaldaqstant, ikun f'waqtu li nkomplu ngħarblu din l-esperjenza ta' ħaddiehor, qabel ma nidħlu biex inwaqqfu u niżviluppaw struttura kompletament ġdida għal Malta, bħala Dipartiment għat-Tfal.

Il-Kummissarju għat-Tfal jingħata rwol effettiv ta' Ombudsman, li l-funzjoni tiegħu jew tagħha jkun li jservi ta' għassies fuq kull Ministeru, Dipartiment, Istituzzjoni u Uffiċċju biex jiġi assigurat li dawn jaħdmu kif jixraq fl-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni tal-Ġnus Magħquda u Trattati Internazzjonali oħra.

B'hekk it-tfal ikollhom aċċess faċli biex iressqu b'mod prattiku u *friendly* l-ilmenti u d-diffikultajiet tagħhom, biex jiġu investigati u analizzati ħalli jingħataw rimedji effettivi u mingħajr dewmien.

Għaldaqstant, il-Liġi tal-Kummissarju għat-Tfal eżistenti trid tiġi emendata, ħalli ssir distinzjoni netta bejn l-Ombudsman għat-Tfal bħala Għassies, il-Kunsill Nazzjonali għat-Tfal bħala Konsulent, id-Dipartiment għat-Tfal bħala Regolatur, u l-Aġenziji bħala *Service Providers*.

Bil-għan li jiġi sostnut dan kollu, il-Partit Laburista jidħol għax-xogħol kbir tal-bini ta' leġislazzjoni sħiħa u olistika li tagħti l-għarfien sħiħ lill-ħarsien tad-drittijiet tat-tfal.

Gvern Laburista ġdid jimpennja ruħu biex jinċentiva u jistimula l-ħeġġa għal ħolqien ta' Għaqda Nazzjonali għat-Tfal, bil-għan li jkompli jagħti vuċi diretta u effettiva lit-tfal Maltin.

Il-Partit Laburista jirriafferma l-impenn sħiħ tiegħu favur id-drittijiet tat-tfal sa mill-bidu tal-ħajja, u għaldaqstant ikompli jsostni t-twemmin tiegħu favur il-ħajja tat-tarbija fil-ġuf u għaldaqstant kontra l-abort.

Sadanitant, l-iżviluppi moderni fix-xjenzi u t-teknoloġija li jaffettwaw il-ħajja tal-bniedem fl-aspetti tat-tnissil tal-ħajja, tal-ħarsien tagħha fil-ġuf u fil-kura ta' mard li għadu mitqies bħala terminali, iqanqlu tamiet kbar favur ħajja aħjar għal miljuni ta' bnedmin, kif ukoll dilemma etiċi li jirrikjedu regolamentazzjoni ta' tip ġdid. Din trid tkun xjentifikament validata u etikament korretta, waqt li tibqa' aġġornata mal-bidliet dejjem jiżdiedu fil-qasam tal-bio-teknika.

Għalkemm diġà ngħata bidu għal studju u diskussjoni wiesgħa dwar dawn il-materji mill-aktar serji u fondamentali, il-Partit Laburista jemmen li l-kunsiderazzjoni fostna tagħhom għad baqagħlha aktar studju qabel tista' tiġi adottata regolamentazzjoni xierqa u li tkun tgħodd għaċ-ċirkostanzi ta' pajjiżna.

Gvern Laburista ġdid jimpenja ruħu biex permezz ta' l-istrutturi ta' konsultazzjoni eżistenti u oħrajn, iwassal fi żmien qasir għat-tfassil ta' din ir-regolamentazzjoni, fir-rispett sħiħ tal-valuri li lkoll nemmnu fihom favur il-promozzjoni tal-ħajja umana u s-sostenn tad-dinjità tagħha, u fir-rispett tax-xewqa leġittima tal-familji kollha biex ikollhom l-ulied.

F'dan il-qafas ukoll, jeħtieġ li ssir referenza għall-aġenziji li l-Gvern Nazzjonalista waqqaf u li minkejja l-miljuni ta' liri li qed jippompja fihom, għadna 'l bogħod milli nilħqu l-għanijiet aħħarin u dan mhux għax m'hemmx nies ta' rieda tajba iżda għaliex m'hemmx strateġiji, pjani u strutturi koordinattivi, olistiċi u effettivi. Jeħtieġ li nidħlu għal *appraisal process* dwar is-servizzi li qed jingħataw minn dawn l-aġenziji, biex tiġi analizzata l-ħidma sfieqa li tant u tant professjonisti ddedikati qed jagħtu fi ħdan dawn l-entitajiet, u fil-proċess jiġu identifikati l-problemi li dawn l-istess professjonisti qed jiffaċċjaw u li qed ixekkluhom milli jilħqu l-miri aħħarin. B'hekk jiġi assigurat li s-servizzi li jingħataw ikunu effettivi u jilħqu anke d-domanda dejjem tikber ta' tfal, żgħażagħ u familji li qed ikollhom il-ħtieġa ta' għajnuna speċjalizzata biex jegħlbu d-diffikultajiet soċjali tagħhom.

Dan kollu jirrifletti kemm il-Gvern Nazzjonalista għandu qafas dgħajjef ta' politika għall-familja. Il-politika tal-Gvern Nazzjonalista fir-rigward tal-bżonnijiet tal-familja Maltija hija dejqa u sporadika wisq biex tindirizza dak kollu li għandu x'jaqsam mal-familja fil-kuntest tal-bidliet u x-xejriet moderni li pajjiżna qed jiffaċċja.

Għalhekk, f'kuntrast ċar mal-politika tal-Gvern Nazzjonalista, politika għaqlija fir-rigward tal-familja hija possibli biss mill-Gvern Laburista li, xprunat mill-valuri soċjali progressivi tiegħu kif ukoll mit-tradizzjoni twila li jħares lejn il-fenomeni soċjali minn lenti wiesgħa, oġġettiva u razzjonali, għandu il-kuraġġ li jaffronta u jindirizza l-problemi li qed jolqtu lill-familja Maltija bl-iktar mod effettiv, effiċjenti u sostenibbli possibbli.

## POLITIKA LI SSAĦĦAĦ IL-KUNĊETT MIFTUĦ TAL-FAMILJA

Il-Partit Laburista, f'konformità mal-valuri li ispirawh għal snin twal, mal-valuri soċjali progressivi, ma' l-iktar mudelli soċjali żviluppati internazzjonalment, u mar-raġuni u x-xjenza soċjali jifhem l-importanza illi jagħraf kunċett miftuħ tal-familja, kunċett illi ma jċaħħadx lil min kien żvinturat fil-passat milli josserva d-dmirijiet u jgawdi d-dritt li jgħix f'familja.

Kwalunkwe gvern għandu jkun impenjat li jinkoraġġixxi l-iżvilupp ta' familji mibnija madwar żwieġ bejn koppja ffurmata minn mara u raġel li jingħaqdu flimkien b'imħabba u bil-għan tat-tnissil u t-trobbija ta' l-ulied. Madanakollu bħala stat ta' fatt, fiċ-ċirkostanzi ta' llum, aktar u aktar familji mhumiex jallinejaw ruħhom ma' dan il-mudell. Xorta waħda l-istat għandu jkun impenjat li jipprovdi kull sostenn xieraq lill-familji kollha. Bl-istess mod, titqanqal il-kwistjoni ta' jekk għandux jidħol id-divorzju jew le. Il-Partit Laburista jqis li d-dibattitu politiku dwar dan is-suġġett delikat jista' jibda biss wara li s-soċjetà ċivili tkun qajmet diskussjoni u kuxjenza mifruxa u profonda dwaru. Bħala stat ta' fatt, dan l-iżvilupp għadu ma seħħx.

Gvern Laburista ġdid iwessa' d-definizzjoni tal-familja biex tinkludi forom differenti tal-familja, partikolarment, familji b'ġenitur wieħed, jiġifieri: ir-romol, nisa u rġiel separati u ommijiet xebbiet; bil-għan li jiddentifika u jelimina kwalunkwe distinzjoni legali li tippreveni familja b'ġenitur wieħed milli jgawdu d-drittijiet ċivili li jgawdu familji konvenzjonali.

Il-Partit Laburista huwa konxju wkoll tat-tbatijiet li qed jiffaċċjaw forom oħra ta' familja, fosthom il-*blended families*, jiġifieri: familji komposti minn adulti li għandhom tfal minn persuna oħra, li mbagħad jgħaqqduhom flimkien f'familja waħda; koppji omosesswali li qed jgħixu flimkien: filwaqt li l-Partit Laburista mhux qed jippromwovi is-*same sex marriages*, jemmen li dawn il-koppji, l-aktar meta dawn ikunu qed irabbu t-tfal naturali tagħhom, għandhom jingħataw attenzjoni partikulari fil-*policies* soċjali; familji ta' immigranti irregolari; u familji ta' żwiġijiet imħallta; u għaldaqstant Gvern Laburista ġdid se jkun ukoll qed jagħtihom l-attenzjoni li tixirqilhom.

Gvern Laburista ġdid se jkun mhux biss qed jagħrbel permezz tal-Kummissjoni Nazzjonali Familja u ċ-Ċentru tal-Familja fl-Università l-bidliet leġislattivi meħtieġa fid-diversi leġislazzjoni eżistenti, anke fl-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, biex il-kunċett u d-definizzjoni ta' familja tkun aġġornata għar-realtajiet eżistenti, iżda wkoll fejn hemm lok jintroduċi leġislazzjoni ġdida biex nassiguraw li dan il-qasam ma jkunx nieqes mill-qafas legali li jeħtieġ biex jiżviluppa, jissaħħaħ u jipprevedi tbatijiet bla ħtieġa.

Gvern Laburista ġdid se jkun impenjat li jagħmel aġġornament serju ta' għajnuna amministrattiva u finanzjarja li llum qed tingħata lil diversi individwi li għandhom responsabbiltà ta' ulied, bil-għan li filwaqt li dawn jibqgħu jingħataw għajnuna konkreta, ikun mhux biss assigurat li nilqgħu għall-abbuż, iżda wkoll li l-għajnuna li tingħata ma tkunx il-mezz sfortunat li dawn l-individwi jaqgħu lura fis-soċjetà għaliex jaċċettaw li jgħixu bil-ftit u l-karità u joħolqu ambjent għalihom u għal uliedhom ta'

aċċettazzjoni bla ħtieġa li jgħixu fil-faqar u sussegwentement ta' emarġinazzjoni. Gvern Laburista ġdid se jkun determinat li jindirizza l-kawża ta' faqar xprunat minn *benefit traps*, billi joħloq programmi u miżuri li filwaqt li jgħinu, jinċentivaw il-ħeġġa li l-individwi jgħinu wkoll lilhom infushom.

Għaldaqstant, Gvern Laburista ġdid jintrabat li fl-ispirtu ta` ġustizzja soċjali, juri interess partikolari lejn familji li jiffaċċjaw diffikultajiet ikbar, jew ta` natura differenti mill-oħrajn, bħal per eżempju fil-każ tal-familji b'ġenitur wieħed, u jagħtihom konsiderazzjoni sħiħa fit-tmexxija tiegħu.

## POLITIKA LI SSAĦĦAĦ L-UGWALJANZA BEJN IS-SESSI

Hawnhekk ukoll il-Partit Laburista, imbuttat mill-valuri li dejjem ispirawh, mal-valuri soċjali progressivi, mal-iktar mudelli soċjali żviluppati internazzjonalment, u mar-raġuni u x-xjenza soċjali jifhem l-importanza li jippromwovi u jsaħħaħ l-ugwaljanza bejn is-sessi fil-familja. Storikament, il-familja kienet iddominata għal snin twal mill-membru maskili tas-soċjetà. Ilum huwa valur rikonoxxut illi kemm il-mara kif ukoll ir-raġel għandu jkollhom l-istess dmirijiet, drittijiet u opportunitajiet fil-familja.

Il-Partit Laburista jwiegħed li jaħdem biex jegħleb l-ostakli strutturali soċjali, kulturali u ekonomiċi li jżommu lill-mara jew lir-raġel milli jagħtu l-kontribut sħiħ tagħhom għas-soċjetà jew milli jgawdu il-frott sħiħ tal-ħajja familjari. F'dan ir-rigward, il-Partit Laburista jħares lejn il-familja bħala mikrokożmu tas-soċjetà u għalhekk il-Partit Laburista jifhem l-importanza li jgħin fl-iżvilupp ta' ambjent fejn il-familja tkun kemm lok ta' fejn l-ugwaljanza tiġi pprattikata kif ukoll bħala l-mezz li tippromwovi u ssaħħaħ l-ugwaljanza bejn is-sessi fil-kuntest usa` tas-soċjetà.

Gvern Laburista ġdid jintrabat li jidentifika r-raġunijiet prevalenti li qed jikkaġunaw jew isaħħu l-inugwaljanza bejn is-sessi fil-familja u li jindirizza dawn ir-raġunijiet b'miżuri effiċjenti, effettivi u sostenibbli. Gvern Laburista ser ikun qed jagħti importanza prijoritarja lid-differenzi fid- dmirijiet u drittijiet legali bejn in-nisa u l-irġiel, lil fatturi soċjo-ekonomiċi, kif ukoll fatturi kulturali, reliġjużi u tradizzjonali. Gvern Laburista ġdid saħansitra jikkommetti ruħu wkoll li jwettaq dak kollu neċessarju sabiex iqiegħed lill-familja bħala l-għan ewlieni wara bidla kulturali f'dawk li huma ideat u valuri marbuta mas-sessi, mal-familja u mal-ħajja domestika fuq skala nazzjonali.

Gvern Laburista ġdid se jkun qed jaħdem biex jassigura b'mod mill-aktar effettiv miżuri biex jinħoloq tabilħaqq il-bilanċ mistħoqq bejn ir-responsabbiltajiet tax-xogħol u tal-familja u dan bil-għan li filwaqt li dawk kollha li jistgħu jkunu produttivi, ikollhom l-għażla li jidħlu fid-dinja tax-xogħol, fl-istess waqt jiġi assigurat li dan ma jsirx għad-detriment tagħhom personalment minħabba l-kultura u l-mentalità diskriminatorja a bażi ta' sess, u fuq kollox mhux a spejjeż tal-ħajja familjari.

Għalhekk l-introduzzjoni ta' *work practices family friendly* u ta' oħrajn diġà eżistenti, huma ta'

importanza kbira għal dan il-għan. L-inizjattivi għall-ħolqien ta' opportunitajiet ta' xogħol, fejn il-ġenituri jistgħu jaħdmu kemm minn djarhom, u/jew f'ambjent flessibli ta' xogħol biex jintlaħqu dawn l-għanijiet se jkunu mhux biss inkoraġġiti min-naħa ta' Gvern Laburista ġdid, iżda s-settur privat se jkun inċentivat biex jagħmel ħiltu ħalli dejjem fejn hu possibli l-post tax-xogħol tiegħu jkun *family* u *gender friendly*.

## POLITIKA LI SSAĦĦAĦ ID-DRITTIJIET U L-VALURI TAT-TFAL

Għall-Partit Laburista, l-għarfien tad-drittijiet tat-tfal fil-familja u l-ħarsien tagħhom huwa ta' prijorità. Il-Partit Laburista jagħżel ukoll li jħares lejn il-familja bħala għodda tajba biex tqajjem kuxjenza u tippromwovi żvilupp u sostenn soċjali f'dak li huma drittijiet tat-tfal fil-kuntest wiesgħa u sħiħ tas-soċjetà.

L-elementi ġodda li qed jinfluwenzaw lis-soċjetà Maltija, minħabba l-iżvilupp teknoloġiku fl-elettronika u fl-informatika, qed iġibu magħhom effetti kemm pożittivi kif ukoll negattivi fuq it-tfal Maltin. Ta' spiss jintqal li l-valuri tar-rispett, tat-tolleranza u tas-solidarjetà fost oħrajn qed jintilfu minn fostna. Ħafna jattribwixxu dan it-telfien kawża per eżempju ta' l-influs.

Għal dan il-għan il-Partit Laburista jwiegħed li jiddedika iktar riżorsi sabiex jindirizza l-problemi li jiffaċċjaw ulied li jitwiedlu jew jgħixu f'familji mhux konvenzjonali. Iwiegħed ukoll li jħares lejn il-fatturi kemm legali, kif ukoll materjali, soċjali, psikoloġiċi jew oħrajn li jistgħu jxekklu lill-ulied milli jgawdu t-tfulija, l-adoloxxenza u ż-żgħożija tagħhom, u milli jiżviluppaw il-kapaċitajiet u l-ħiliet tagħhom kif meħtieġ.

Gvern Laburista ġdid ukoll ser jiddedika iktar riżorsi għall-kampanja ta' għarfien u promozzjoni, immirata lejn il-familji sabiex tiżdied l-informazzjoni, iqum l-għarfien u jitqanqal dibattitu dwar id-drittijiet tal-ulied fil-familja. Il-Partit Laburista wkoll iwiegħed illi jinvolvi lis-soċjetà ċivili u l-Knisja, speċjalment dawk l-organizazzjonijiet li jaħdmu mal-familji u ma` l-ulied fi proċess kontinwu ta' djalogu, konsultazzjoni, leġislazzjoni u evalwazzjoni, biex il-membri kollha tal-familja mhux biss ikunu konxji tad-drittijiet u ta' l-obbligi tagħhom, iżda jkunu huma stess il-katalisti li jaraw li kull membru jingħata l-appoġġ u l-ħarsien li jeħtieġ għat-tgawdija tad-drittijiet tiegħu jew tagħha.

B'dan il-mod, Gvern Laburista jiżgura l-leġittimità u s-sostenibbiltà tal-politika tiegħu fil-qasam tad-drittijiet ta` l-ulied fil-qasam tal-familja u b'hekk jiggarantixxi kontinwità politika li ttejjeb il-kwalità tal-ħajja ta` uliedna.

Għal dan il-għan Gvern Laburista ġdid irid jagħti l-ħajja b'mod effettiv għal dak li jistabilixxu l-konvenzjonijiet internazzjonali fir-rigward tad-drittijiet tat-tfal u l-ħarsien tagħhom, partikolarment dawk il-provedimenti u miżuri konkreti li joħorġu mill-Konvenzjoni tal-Ġnus Magħquda u li Malta hija

mhux biss firmatorja tagħha illum iżda impenjata li twettaqha. Gvern Laburista ġdid isaħħaħ il-funzjoni ta' l-Avukat tat-Tfal fi ħdan il-Qorti tal-Familja u f'ambjenti oħra fejn ikollhom jitħaddmu proċeduri legali dwar it-tfal u li sussegwentement jistgħu jkunu effettwati.

Qasam li l-Partit Laburista huwa partikolarment sensittiv għalih, huwa l-istituti tat-tfal. F'pajjiżna llum għadna nsibu madwar 300 tifel u tifla fl-istituti tat-tfal. Istituti li grazzi għal Knisja li ħadet ħsieb li tipprovdi matul is-snin, kienu l-kenn ta' għadd kbir ta' tfal li sfortunatament sabu ruħhom abbandunati mill-ġenituri jew inkella għax il-familja tagħhom ma setgħetx tagħtihom l-ambjent meħtieġ li jgħixu ħajja dinjituża b'mezzi xierqa. Minkejja dan, huma l-istess diriġenti ta' dawn l-istituti tal-Knisja li jisħqu fuq il-fatt li għal dawn it-tfal, l-aħjar ambjent għalihom hija l-familja.

Il-Prinċipju li l-aħjar ambjent għat-tfal huwa l-familja japplika wkoll għall-persuni b'diżabilità, u huwa għalhekk li l-Partit Laburista qed jimpennja ruħu li jorbot anke s-servizzi mogħtija fil-kommunità lill-anzjani, dawn jingħataw lil dawk a bażi tal-bżonn u mhux ta' l-età.

Huwa għalhekk li l-Partit Laburista qed jimpenja ruħu li mill-Gvern b'mod immedjat fi djalogu ma' dawk li ħadmu f'dan il-qasam, fil-qasam ta' adozzjoni u tal-*foster care*, jidħol għal eżerċizzju biex fl-iqsar żmien jirregolarizza f'qafas legali l-*foster care* u jemenda l-liġijiet li jikkonċernaw l-adozzjoni. Fil-każ tal-*foster care* jissaħħu l-inizjattivi diġà eżistenti iżda li m'humiex imħarsa legalment u dan għall-ġid tat-tfal. Tkompli tissaħħaħ l-opportunità għal dawk it-tfal li qed jgħixu f'ambjenti familjari diffiċli biex joħorġu minn sitwazzjonijiet li qed iħallu impatti psikoloġiċi u anki f'ċerti każi fiżiċi negattivi minħabba l-esperjenzi li qegħdin jgħixu fihom. Min-naħa l-oħra qafas leġislattiv biex jirregola l-*foster care* ikun maħsub li jgħin lil dawk il-ġenituri b'qalb tant kbira li jkunu lesti jrabbu, jikkuraw u jedukaw għal perjodu definit tfal ta' ħaddiehor.

Qafas legali aġġornat għall-adozzjoni jgħin u jħares bis-sħiħ lil dawk il-ġenituri li jixtiequ jkollhom ulied adottivi, iżda li sal-lum f'pajjiżna saret diffiċli wisq biex jagħmlu dan minħabba kemm diffikultajiet legali kif ukoll amministrattivi. Din il-ħidma, Gvern Laburista ġdid jidħol għaliha b'konformità ma' konvenzjonijiet internazzjonali u bi sħab anke ma' għaqdiet mhux governattivi li llum twaqqfu biex jgħinu ġenituri bħal dawn.

## POLITIKA LI SSAĦĦAĦ IS-SOLIDARJETÀ BEJN L-ETAJIET

Il-Partit Laburista, b'konformità ċar mal-valuri li ispirawh għal snin twal, mal-valuri nsara progressivi, li joħorġu wkoll mit-tagħlim soċjali tal-Knisja, ma' l-iktar mudelli soċjali żviluppati internazzjonalment, u mar-raġuni u x-xjenza soċjali jara l-importanza ta' politika li tippromwovi l-kontribut ugwali lejn il-familja irrispettivament mill-età, iżda skond ir-riżorsi u l-kapaċitajiet ta' kull persuna.

Il-Partit Laburista jemmen illi kull ġenerazzjoni għandha kontribut pożittiv x'tagħti lejn il-familja u lejn

is-soċjetà. Dan il-kontribut għandu jinbena fuq qafas sħiħ ta` rbit komplimentarju li jsaħħaħ u jilleġittima l-kontribut ta' kull membru tas-soċjetà. Illum, aktar minn qatt qabel, minħabba l-influwenza ta' tant fatturi fuq il-ħajja tad-diversi membri tas-soċjetà, qed jintilfu ħafna u malajr il-valuri li dejjem xprunaw sens ta' solidarjetà soċjali bejn il-ġenerazzjonijiet. Għaldaqstant, il-Partit Laburista li huwa ferm konxju minn dan, iħoss il-ħtieġa li jaħdem biex jerġa' jibni mill-ġdid is-solidarjetà soċjali bejn il-ġenerazzjonijiet.

Il-Partit Laburista jwiegħed illi jaħdem bis-sħiħ sabiex jaqsam il-fondoq li jeżisti bejn il-ġenerazzjoni żagħżugħa u dik anzjana. Dan ser iseħħ billi jitwaqqfu entitajiet rappreżentattivi u konsultattivi ta` ġenerazzjonijiet varji li jirrapreżentaw il-membri tagħhom fid-djalogu soċjali u politiku ta' pajjiżna. Tkun prijorità wkoll għall-Partit Laburista fil-Gvern illi jibbilanċja d-dmirijet tal-iStat u tal-familja f'dik li hi kura tat-trabi, u, iktar importanti, ta' l-anzjani. Il-Partit Labursita jwiegħed li jippromwovi l-aħjar prassi tal-kura tat-trabi u ta' l-anzjani f'istituzzjonijiet tal-iStat fost il-familiji, bil-għan illi titjieb il-kwalità u l-livell ta` kura fid-dar.

## POLITIKA LI TIKKONTRIBWIXXI
## GĦALL-INKLUŻJONI TAD-DGĦAJFA U L-ĦARSIEN TAL-VULNERABBLI

Il-Partit Laburista, f'konformità mat-twemmin fundamentali tiegħu, ippernjat fuq il-prinċipju tal-ġustizzja soċjali, mal-valuri soċjali progressivi, ma' l-iktar mudelli soċjali żviluppati internazzjonalment, u mar-raġuni u x-xjenza soċjali jifhem u jwiegħed li jindirizza l-problema ta` bidliet soċjali u ekonomiċi mgħaġġla fil-pajjiż li qed jheddu l-livell ta' l-għixien u l-kwalità tal-ħajja ta' għadd ta' familji. Membri tas-soċjetà tagħna jistgħu jispiċċaw esklużi, emarġinati u vulnerabbli. Fost dawn il-membri tas-soċjetà tagħna li jinsabu f'dan ir-riskju, insibu t-tfal u ż-żgħażagħ, l-anzjani, l-persuni b'diżabilità u ommijiet xebbiet.

Il-Partit Laburista jwiegħed illi jagħmel studju soċjoloġiku u ekonomiku bir-reqqa dwar il-problemi li dawn il-membri tas-soċjetà qed jiffaċċjaw, sabiex jara il-kawża vera, ikejjel id-daqs tal-problema u jifformola sensiela ta' miżuri effettivi u sostennibli, mhux biss għall-qasam tal-politika soċjali iżda wkoll f'oqsma oħra komplimentari. Il-Partit Laburista jwiegħed ukoll illi jsaħħaħ ix-xibka tal-ħarsien u solidarjetà soċjali f'pajjiżna, billi jinkludi l-istituzzjoni tal-familja bħala msieħba sħiħa ta' l-istruttura tal-ħarsien u tas-solidarjetà soċjali.

Il-Partit Laburista fuq kollox jara kontinwità fid-doveri bejn l-iStat u l-familja fejn jidħol il-ħarsien u s-solidarjetà soċjali, u huwa xejn inqas minn ġust, illi l-piż ta' dan id-dover għandu jinqasam bejn l-iStat u l-familja. Dan isir b'kampanja ta' promozzjoni, edukazzjoni, u tixrid ta' l-aħjar prassi, biex jitħaddem *empowerment process* għal dawk kollha li huma f'riskju ta' emarginazzjoni, esklużjoni u faqar.

Sadanittant ukoll Gvern Laburista jkun lest li jibni xibka ta' inċentivi anki fejn hemm bżonn inċentivi finanzjarji, dejjem fil-kuntest tal-bżonn u t-tħaddim ta' dixxiplina xierqa tal-finanzi pubbliċi, lejn min jagħżel li jieħu ħsieb il-membri dgħajfa u vulnerabbli tas-soċjetà f'daru u fil-komunità fejn jgħix. Dan l-iżvilupp ta' *caring community*, Gvern Laburista jkun lest li jirregolah b'livelli u bi *standards*, li diġà seħħew f'pajjiżi 'l bogħod minn xtutna, miġbura f'qafas legali xieraq.

Il-Partit Laburista huwa konxju li l-fatturi ewlenin li joħolqu sitwazzjonijiet ta' esklużjoni u faqar fost l-aktar dgħajfa u vulnerabbli fil-pajjiż, huma l-mezzi finanzjarji u d-*disposable income*. Għal dan il-għan Gvern Laburista ġdid, immedjatament jidħol biex jagħrbel, janalizza u jiddeċiedi, anke ma' l-imsieħba soċjali, is-saħħa tal-paga minima nazzjonali, bil-għan li din il-paga ma tibqax tmiss mal-linja tal-faqar bir-riskju li familja li l-unika dħul tagħha huwa marbut ma' din il-paga, tispiċċa tgħix fir-riskju tal-faqar jew fil-faqar tassew.

Gvern Laburista ġdid jimpenja ruħu wkoll li jagħrbel il-kunċett li fl-Ewropa huwa ferm diskuss dak tal-*working poor* (il-fqar li jaħdmu) bil-għan li jindirizza l-problema li kontinwament qed tinħoloq fejn ħaddiema u impjegati qed iħossuhom diżinċentivati li jaħdmu u fejn xi wħud qed jippreferu jibqgħu fuq il-benefiċċji soċjali u kultant jagħmlu xi ġurnata xogħol minn taħt milli jidħlu b'mod korrett fis-suq tax-xogħol.

Għaldaqstant, Gvern Laburista ġdid, iwaqqaf Kummissjoni Nazzjonali dwar il-Pagi Baxxi (*Low Wage Commission*), biex tevalwa s-sitwazzjoni u tirrikkmanda x'għandu jsir, mingħajr ma jkun ta' detriment għal dawk il-ħaddiema, impjegati, u min iħaddem, li jaħdmu qatigħ biex jiksbu għalihom infushom livell ta' għixien u kwalità ta' ħajja li jixirqilhom.

Mira oħra importanti ta' Gvern Laburista ġdid hija li jindirizza l-faqar fost it-tfal, li sfortunatament matul dawn l-aħħar snin ħakem u qed jaħkem madwar 21% ta' tfal bejn trabi u 15-il sena.

Fattur ieħor li jikkawża vulnerabiltà u riskju għall-esklużjoni soċjali u faqar fil-ħajja hija d-diżabilità. Għal dan il-għan Gvern Laburista ġdid ma jistax jinjora l-bżonnijiet tal-familji li għandhom membri fosthom li jbatu minn xi forma ta' diżabilità. Bħal m`għamel dejjem il-Partit Laburista huwa marbut li jindirizza l-ħtiġijiet ta' dawn il-familji konkretament. Gvern Laburista ġdid, flimkien ma' l-għaqdiet mhux governattivi li jaħdmu qatigħ f'dan il-qasam jidħol fi proċess ta' diskussjoni u konsultazzjoni biex flimkien tinbena politika nazzjonali li tindirizza d-diversi aspetti tal-bżonnijiet ta' dawn il-membri tal-familji tagħna, bi pjan ta' ħidma mifrux fuq perjodu ta' snin u b'*targets* speċifiċi għat-twettiq effettiv ta' dan il-pjan.

Il-Pjan Nazzjonali għal Qasam tad-Diżabilità, irid iqis ukoll realtajiet ġodda li qed iseħħu f'dan il-qasam u li qed joħolqu esiġenzi ġodda, fosthom li l-ġenerazzjoni ta' żgħażagħ b'diżabilità li ħadu l-edukazzjoni tagħhom fil-*mainstream* flimkien ma' sħabhom bla diżabilità u li qed jiżviluppaw l-istess

aspirazzjonijiet u li jistennew bir-raġun, li ma jkunux imxekkla kif kienu tal-ġenerazzjonijiet ta' qabilhom. Il-bżonnijiet ta' dawn iż-żgħażagħ jistgħu jinkludu li jkomplu bl-istudji tagħhom post-sekondarju, jew terzjarju, li jsibu mpjieg siewi u li jkollhom relazzjonijiet adulti u forsi anki familja tagħhom stess.

Għalhekk f'dan il-kuntest il-kunċett ta' familja ta' persuni b'diżabilità irid jinqasam fi tnejn: (a) familja fejn persuna b'diżabilità huma esklussivament membri u fejn il-membri l-oħra tal-familja jagħtu l-appoġġ ewlieni lill-membru b'diżabilità jew *carer family*; u (b) familja fejn il-persuna, jew persuni b'diżabilità huma l-adulti tal-familja huma stess. In-numru ta' dawn it-tip ta' familji s'issa għadu numru żgħir, iżda qed naraw li in-numru tagħhom dejjem qiegħed jikber u hemm il-potenzjal li jkompli jikber.

Għaldaqstant, il-Partit Laburista jimpennja ruħu li jagħti l-appoġġ lill-familji *carers* biex jibqgħu jieħdu ħsieb il-membru tal-familja b'diżabilità sakemm ikun possibbli għalihom, filwaqt li għal familji l-oħra jinħtieġ l-iżvilupp ta' servizzi oħrajn.

Min-naħa l-oħra, il-Partit Laburista jibqa` sod fil-fehma u fl-impenn tiegħu dwar il-ħtieġa li s-soċjeta' tipprovdi dar u/jew djar xierqa u dinjitużi, fejn jistgħu jgħixu fihom persuni b'diżabilità wara l-mewt tal-ġenituri tagħhom. F'dan l-aspett importanti għad-dinjità tal-persuna b'diżabilità u għas-serħan tal-moħħ tal-ġenituri, Gvern Laburista ġdid jinkoraggixxi l-impenn u l-ħidma ta' l-Għaqdiet Volontarji u Għaqdiet Mhux Governattivi u jkun anke lest jesplora l-possibbilitajiet ta' *partnership* u mod oħra ta' ħidma kkordinata magħhom.

Il-problemi ta' *housing* soċjali fil-kuntest tal-qasam tad-diżabilità huwa fattur ieħor ta' konsiderazzjoni qawwija mill-Partit Laburista.

Il-Pjan Nazzjonali għal Persuni b'Diżabilità irid ikopri wkoll l-iżvilupp ta' l-*Adult Training Centres*, bil-għan li dawn ma jibqgħux l-aktar *day respite centres*, iżda jiġu riformati u żviluppati: programmi ta' taħriġ għal dawk il-persuni b'diżabilità li għandhom il-potenzjal ta' żvilupp ta' ħiliet varji, u *sheltered workshops*.

Gvern Laburista ġdid ifittex modi differenti biex jinvolvi u jaqsam miegħu, is-servizzi, il-ħidma u l-esperjenzi ta' l-Għaqdiet Volontarji u dawk mhux governattivi, bil-għan li jippromwovi l-kordinament ta' riżorsi għal dan is-settur divers u meħtieġ.

Minn statisitka soċjali li toħroġ mill-*Household Budgetary Survey 2000,* instab li 55% tal-familji b'ġenitur wieħed jinsabu f'riskju ta' faqar. Għaldaqstant quddiem sitwazzjoni soċjali prekarja bħal din, Gvern Laburista ġdid jidħol biex janalizza x'għandu jsir konkretament, l-ewwelnett biex jagħti *empowerment* lil dawn il-ġenituri, iżda żgur ukoll biex b'mod immedjat jgħin ħalli l-qagħda finanzjarja u soċjali tagħhom tiġi mtejba għal ġid partikolarment ta' uliedhom.

F'dan il-qasam tal-familji b'ġenitur wieħed, li bażikament jinkludu ġenituri separati, romol u ommijiet xebbiet, Gvern Laburista ġdid jagħrbel ukoll bżonnijiet oħra biex iwettaq ir-riformi amministrattivi li hemm bżonn inklużi dawk leġislattivi.

Jeħtieg per eżempju li tiġi indirizzata l-problema tal-pensjoni tar-romol fil-kuntest ta' meta t-tfal jilħqu l-eta' ta' sittax-il sena.  Dan il-fatt qiegħed ikun ta' tbatija kbira speċjalment għall-ġenituri ta' dawk l-ulied li jagħżlu li jkomplu l-edukazzjoni terzjarja fi żmien meta pajjiżna jeħtieġ edukazzjoni għolja.

Jinħtieġ li tkun ikkunsidrata wkoll riforma fit-taxxa fuq id-dħul biex it-tfal li jkunu għadhom dipendenti fuq il-ġenitur/l jkunu meqjusa wkoll.  Din ir-riforma fil-liġi tat-taxxa fuq id-dħul, li daħlet mill-Gvern Nazzjonalista preċidenti, qed tħalli konsegwenzi finanzjarji negattivi fuq il-familji, speċjalment fuq dawk b'ġenitur wieħed, bħal romol, separati u ommijiet xebbiet li l-potenzjal tad-dħul finanzjarju fil-familja jkun minn ġenitur wieħed biss.

Jinħtieġ ukoll tiġi mgħarbla mill-ġdid il-miżura introdotta fil-*budget* għas-sena 2007 mill-Gvern Nazzjonalista, dwar it-tgawdija tal-pensjoni tar-romol għal ħames snin biss fl-eventwalità ta' żwieġ. Jinħtieġ li jiġi kkunsidrat li din il-miżura tkun estiża sakemm it-tfal ta' l-armel jew ta' l-armla jkunu daħlu f'impjieg regolari wara li jkunu spiċċaw l-istudju.

Konsiderazzjonijiet oħra għal tibdil, għandhom ikunu dwar fost oħrajn: iż-żieda ta' l-għoli tal-ħajja li tingħata għall-pensjoni tar-romol fejn ikun hemm tfal li għadhom dipendenti finanzjarjament fuq il-ġenituri; u t-taxxa tas-suċċessjoni fuq romol li għadhom qed irabbu t-tfal.

Jinħtieġ ukoll li tissaħħaħ l-għajnuna li tingħata lil dawk it-tfal li jisfaw orfni, jiġifieri meta jmutulhom iż-żewġ ġenituri, u jkunu għadhom taħt l-età jew għadhom jattendu xi istituzzjoni edukattiva, biex ma jibqgħux jiddependu mill-ħniena ta' qrabathom biss.

Jeħtieġ li tiġi indirizzata per eżempju l-kwistjoni ta' l-għoti tal-manteniment lill-ġenituri separati u lil uliedhom, billi anki jsiru l-emendi neċesarji fil-kodiċi ċivili u liġijiet oħra, partikolarment: fejn ikun hemm każijiet ta' ġenituri li jieqfu jaħdmu apposta biex ma jaqdux l-obbligi tagħhom ma uliedhom; biex tispiċċa d-distinzjoni fil-provedimenti tal-manteniment bejn tfal fiż-żwieġ jew barra ż-żwieġ u oħrajn.

Il-Qorti tal-Familja trid tkompli tiġi riformata u l-funzjoni ta' l-Avukat tat-Tfal trid tiġi msaħħa, anzi Gvern Laburista ġdid, jaħdem biex tinħoloq struttura għall-Avukat tat-Tfal bil-għan li l-vuċi tat-tfal tingħata l-aqwa saħħa fi proċeduri legali li jkunu qegħdin jaffettwawhom direttament, b'hekk jiġi msaħħaħ il-prinċipju tal-ħarsien ta' l-aqwa interess tat-tfal.

L-istituzzjoni ta' l-għajnuna legali trid tkun riformata b`mod komplet biex taqdi lil tant ġenituri li

finanzjarjament huma limitati ħafna u li jsibu diffikultajiet kbar biex ikollhom aċċess għal ġustizzja u aktar u aktar biex il-proċess ġudizzjarju jkun tali li jirrifletti l-verità tal-fatti. Il-parti bla mezzi għandha ssib l-għajnuna ta' avukati li jagħtuha l-attenzjoni li tixirqilha.

Fejn jidħlu l-ommijiet xebbiet jeħtieġ li ssir riforma sħiħa biex l-ewwelnett jingħataw l-edukazzjoni għal ħajja, biex jiksbu *life skills* meħtieġa, partikolarment ta' *parenting skills*, biex jifhmu l-ħtieġa ta' pjan għal ħajja u fuq kollox biex ma jaqgħux fit-trappola tal-faqar u sussegwentement joffru mudell miskin lil uliedhom. Jeħtieġ bis-serjetà li dawn il-ġenituri jingħataw *empowerment* sħiħ biex ma jkunux vittmi ta' *benefit traps* fejn huma u uliedhom jispiċċaw bla aspirazzjonijiet bis-sens f'ħajjithom.

Fil-kuntest ta' l-esklużjoni jeħtieġ ukoll li jkunu indirizzati l-effetti fuq il-familja maħluqa minn problemi ta' saħħa mentali u traġedji mhux mistennija, fost oħrajn. Gvern Laburista ġdid jimpenja ruħu jagħmel *review* tal-politika dwar is-saħħa mentali li issa ilha s-snin tinħema minn għadd ta' entitajiet fosthom l-għaqdiet mhux governattivi li jaħdmu f'dan il-qasam, biex dawk il-miżuri li jeħtieġu l-attenzjoni immedjatament jitwettqu, filwaqt li miżuri oħrajn ikunu inkorporati fi pjan ta' ħidma mifrux fuq perjodu xieraq ta' żmien b'*targets* speċifiċi li jkunu jridu jintlaħqu fiż-żmien stabbilit.

Jeħtieġ ukoll li familji milquta bi traġedji mhux mistennija jsibu l-appoġġ u s-solidarjetà organizzata mhux biss materjali iżda wkoll psikoloġiku, fejn ikun hemm bżonn. Sal-lum ħafna familji li għaddew minn esperjenzi mill-agħar, ma jingħatawx għajnuna u appoġġ psikoloġiku, jekk dawn ma jfittxux din l-għajnuna u dan l-appoġġ waħedhom. Jinħtieġ li l-iStat flimkien ma' organizzazzjonijiet li jistgħu jgħinu f'dan il-qasam jaħdmu flimkien biex b'mod immedjat jagħtu l-għajnuna u l-appoġġ meħtieġ lid-diversi membri tal-familja.

Kategorija oħra ta' familji li huma f'riskji ta' esklużjoni u faqar huma dawk affettwati minn kriminalità, kemm jekk kienu l-vittmi tal-kriminalità kif ukoll jekk kien xi membru tal-familja tagħhom li wettaq il-kriminalità. Hawnhekk ukoll Gvern Laburista ġdid jimpenja ruħu biex flimkien ma' għaqdiet mhux governattivi jidħol magħhom biex jiġu introdotti miżuri ta' għajnuna prattika kemm għal vittmi kif ukoll għal familja tal-*perpretrators* u l-perpretrator innifsu.

Il-problema tad-droga, ta' l-abbuż mill-alkoħol u l-logħob ta' l-azzard huma fost is-susa ewlenija li qed therri lil għadd kbir ta' familji u lis-soċjetà in ġenerali. Gvern Laburista ġdid jimpenja ruħu bis-sħiħ biex isaħħaħ l-aġenziji ta' l-iStat u Organizazzjonijiet Volontarji u Mhux Governattivi, bħal Caritas u Oasi, biex il-programmi ta' edukazzjoni u prevenzjoni jingħataw prijorità ħafna akbar fil-ħidma tagħhom ħalli jindirizzaw partikolarment lit-tfal u liż-żgħażagħ Maltin sa miċ-ċokon u fil-proċess kollu ta' ħajjiethom.

Jeħtieġ ukoll isiru b'regolarità programmi edukattivi u ta' prevenzjoni fuq livell komunitarju kif ukoll fuq il-postijiet tax-xogħol. Min-naħa l-oħra s-servizzi kurattivi li llum jingħataw jeħtieġ li jiġu *reviewed*,

aġġornati u msaħħa bil-għan li jiġu indirizzati l-akbar ammont ta' żgħażagħ li sfortunatament jiżolqu mill-proċess ta' edukazzjoni u prevenzjoni. Dan kollu jsir f'kuntest ta' *review* sħiħ tax-xogħol li qiegħed isir f'din il-ħidma u b'koordinament ma' dawk kollha li qed jaħdmu fuq dan il-qasam.

Fl-istess kuntest, Gvern Laburista ġdid, irid jagħti l-attenzjoni tiegħu ukoll lil: tfal ġejjin minn familji, fejn membri fil-familja tagħhom għandhom problemi ta' saħħa mentali u/jew ta' mard kroniku serju; tfal li għandhom il-biża' li jirtu l-*huntington's disease*; tfal li jgħixu f'familji fejn hemm vjolenza; tfal bi problemi mentali, tfal b'imġieba diffiċli (*challenging behaviour*); tfal li jaraw l-abbuż ta' xi sustanza illegali u tfal li jsibu diffikultajiet partikolari fl-iskola minħabba s-separazzjoni tal-ġenituri fost oħrajn.

Hemm il-ħtieġa li Gvern Laburista jgħarbel aktar il-ħtiġijiet ta' dawk li qed isofru u/jew potenzjalment jistgħu jsofru mill-HIV.

Fuq kollox fl-analiżi ta' dan il-qasam tant uman, toħroġ il-ħtieġa urġenti li hemm biex l-oqsma tal-*councilling* u tas-*social work*, jingħataw importanza sħiħa biex jissaħħu.

Aspett ieħor li Gvern Laburista ġdid lest jimpenja ruħu għalih huwa l-provediment ta' *housing* soċjali. Aspett, li llum huwa kkonfermat anki mill-istess Pjan Nazzjonali kontra l-Faqar u l-Esklużjoni mniedi minn Gvern Nazzjonalista, li huwa fattur ieħor li jirrifletti sitwazzjoni ta' faqar fost il-familji tagħna. Il-problema tal-*housing* soċjali teħtieġ indirizz bis-serjetà bi pjan tanġibbli mifrux fuq perjodu ta' żmien bil-għan li l-lista ta' applikanti għal *housing units* diċenti b'kirjiet li jlaħħqu magħhom ma tkompliex titwal.

## POLITIKA LI SSAĦĦAĦ, TIKKONSOLIDA, U TTEJJEB IL-KONTRIBUT TAL-ISTAT

Il-Partit Laburista minn dejjem emmen illi l-iStat għandu rwol ċentrali u partikolari fil-politika soċjali ta' pajjiżna. Il-valuri progressivi soċjali tal-Partit Laburista ma jxekkluhx milli jieħu l-miżuri ekonomiċi neċessarji sabiex itaffi mill-impatti soċjali negattivi, u jippromwovi u jsaħħaħ dawk pożittivi li l-bidla soċjo-ekonomika mgħaġġla li għaddej minnha bħalissa il-pajjiż qed iġġib. Anzi l-Partit Laburista dejjem qies li kwalunkwe bidla soċjo-ekonomika, tippreżenta sfida biex jaħdem aktar ħalli jilħaq aħjar il-missjoni tiegħu, dik li ħadd ma jispiċċa mormi kawza ta' dawn il-bidliet.

F'dawn il-kuntesti, il-Partit Laburista huwa f'pożizzjoni b'saħħitha meta mqabbel mal-Partit Nazzjonalista li jħaddan politika li teskludi jew tnaqqas kemm jista' jkun indħil tal-iStat fl-ekonomija tal-pajjiż, bl-iskuża tal-liberalizzazzjoni u l-pluraliżmu, li ħafna drabi ħoloq sitwazzjonijiet fejn min hu l-aqwa jħawwel u min mhux jibqa' l-art, kawża ta' nuqqas ta' impenn politiku min-naħa tal-Gvern Nazzjonalista favur it-tqassim ekwu tal-ġid.

Il-Partit Laburista jemmen ukoll li kemm l-iStat kif ukoll il-familja għandhom dover lejn

il-manteniment tax-xibka tal-ħarsien u s-solidarjetà soċjali fil-komunità Maltija. Għalhekk, ikun għaqli u ġust li kieku il-piż ta' dan id-dover jinqasam bejn it-tnejn, partikolarment billi l-familja Maltija, permezz ta' proċessi kontinwi ta' *empowerment* tissaħħaħ u tkun sostnuta.

Il-Partit Laburista jemmen ukoll illi pajjiż li jpoġġi l-ħarsien u s-solidarjetà soċjali ġenwinament bħala l-ewwel għan tiegħu għandu joħloq kontinwità u komplimentarità bejn il-politika fid-diversi oqsma tagħha. Ir-rabta bejn il-politika tal-familja u dik soċjali (inklużi l-politika dwar il-qasam tas-saħħa u ta' l-edukazzjoni), finanzjarja, ekonomika, fiskali, kummerċ, investiment u intraprenditorjat, mhux biss tiżgura is-sostenibbiltà finanzjarja u politika tal-familja u dik soċjali in ġenerali, iżda wkoll, toħloq massa ta' miżuri u inizjattivi marbutin flimkien li jindirizzaw għan wieħed: il-ħarsien u s-solidarjetà soċjali. U b'hekk titfassal politika sħiħa, sostenibbli, effettiva u effiċjenti biżżejjed sabiex tlaħħaq pari passu mal-bidliet kontinwi soċjali u ekonomiċi tal-lum.
It-tisħiħ tal-familja, b'politika qawwija u olistika, tassigura wkoll mixja effettiva għat-tkabbir tal-ġid u għat-tqassim ewku tiegħu. Tassigura wkoll li kull membru tas-soċjetà Maltija jkun żgurat mill-iżvilupp tal-potenzjali kollha tiegħu, u fl-istess waqt, tagħti lil dawk li fostna jibqgħu jeħtieġu s-solidarjetà soċjali tagħna, assigurazzjoni li ma jispiċċawx emarġinati u esklużi.

## POLITIKA LI TAGHTI AĊĊESS GĦALL-ĠUSTIZZJA U LI TASSIGURA LI SSIR ĠUSTIZZJA

F'dan il-qafas ta' politika għall-familja jinħtieġ li jiġi assigurat li meta familja jew xi membru tagħha li jkollu bżonn ta' aċċess għall-ġustizzja ikun jista' jagħmel dan mingħajr ma jkun imxekkel min-nuqqas ta' mezzi finanzjarji. Għaldaqstant, għandha tkun mira ewlenija li l-istituzzjoni ta' l-għajnuna legali eżistenti, tiġi taħt l-iskrutinju, biex tiġi riformata u aġġornata bil-għan li jiġi assigurat li kulħadd f'dan il-pajjiż ikollu d-dritt fundamentali tiegħu ta' aċċess għal ġustizzja mħares.

Jeħtieġ ukoll li ssir analiżi anki fid-dawl ta' l-emendi reċenti u jsiru r-reviżjonijiet meħtieġa biex il-Qorti tal-Familja, ittejjeb l-operat tagħha biex ma jkunx hemm żmien moħli li jaffettwa l-andament tal-proċeduri ġudizzjarji a skapitu tal-familja u d-diversi membri tagħha.

Hemm bżonn ukoll reviżjoni fit-tariffi u fit-taxxa tal-Qorti fejn jidħlu diffikultajiet ta' familji li jkunu għaddejjin minn kriżijiet u s-soluzzjonijiet tagħhom ifittxuhom permezz ta' proċeduri legali.

Tinħass ħtieġa kbira wkoll għall-aġġornament u għat-tisħiħ tal-Qorti tat-Tfal (*Juvenile Court*).

## POLITIKA LI TKUN IMPLIMENTATA, MONITERJATA, EVALWATA U INFURZATA BL-AQWA MEZZI U RIŻORSI

Gvern Laburista ġdid jimpenja ruħu li jassigura li l-politika nazzjonali għall-familja, ma tkunx biss dokument sabiħ, iżda fuq kollox tkun pjan konkret ta' ħidma sfieqa, li jiġi implimentat, moniterjat,

evalwat u infurzat bl-aqwa riżorsi.

Il-Partit Laburista jqis li l-aqwa riżorsi f'dan is-settur huma dawk li se jkunu fdati bl-implimentazzjoni u għaldaqstant Gvern Laburista ġdid jassigura, li jipprovdi l-aqwa taħriġ u żvilupp edukattiv għal professjonisti varji f'dan il-qasam. Gvern Laburista ġdid se jkun impenjat bis-sħiħ ukoll biex jassigura li dawn il-professjonisti, bħal *social workers*, psikoloġi, psikjatri, *family therapists*, tobba u oħrajn, jingħataw id-dinjità u l-ħarsien tal-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħhom, u dan bil-għan li mhux biss dawk ikkonċernati bix-xogħol ikollhom is-sodisfazzjoni mistħoqq minn xogħolhom, iżda wkoll biex jingħata l-aqwa servizz lil dawk li jiġu bżonn.

Gvern Laburista ġdid jassigura wkoll li għadd ta' professjonisti ingaġġati fil-qasam tal-familja jkun wieħed adekwat biex kemm l-istess professjonisti ma jkunux mgħobbija b'*case loads* aktar milli jifilħu u fl-istess waqt jiġi assigurat li ma jkunx hemm *waiting lists* ta' persuni li jkunu jeħtieġu servizzi urġenti biex jiġu indirizzati problemi serji li jkollhom.

Il-Partit Laburista jqis il-kontribut ta' l-għaqdiet mhux governattivi / volontarji bħala imprezzabbli għal dan il-qasam u għaldaqstant ikompli jimpenja ruħu biex jinvolvi lil dawk kollha involuti f'din il-ħidma li trid titwettaq fil-proċessi kollha meħtieġa biex jinkisbu r-riżultati li huma tant meħtieġa biex jiġi assigurat li l-politika nazzjonali għall-familja titwettaq bis-serjetà.

## POLITIKA LI TWASSAL GĦAL ĦAJJA IKTAR SĦIĦA

Il-ħarsien u s-solidarjetà soċjali huwa l-għan aħħari tal-politika sħiħa tal-Partit Laburista. Il-Partit Laburista jirrikonoxxi li kull individwu, irrelevanti mill-passat u attributi personali, iġarrab minn żmien għal żmien problemi fil-ħajja li jimmarġinalizzaw lill-persuna. Huma veru ftit in-nies li ma jinkwetawx fuq l-impjieg tagħhom, fuq il-familja, fuq l-ulied u fuq is-saħħa kemm fiżika kif ukoll mentali. Iżda l-valur tal-komunità u tas-soċjetà, huwa proprju li jtaffi dan l-inkwiet billi jpoġġi lill-individwu f'kuntest wiesa` soċjali bil-għan li l-problemi personali tiegħu jsiru parti mill-problemi soċjali tagħna lkoll, iżda fuq kollox biex is-soċjetà tipprovdi għal rimedji xierqa u dinjitużi, mingħajr ma' l-individwu ma jħossu li huwa mitluq għar-riħu f'disprament ta' gwaj li waħdu ma jistax iġorr.

Il-politika Laburista trid terġa' tibni s-sens ta' fraternità u ta' solidarjetà biex min jiġi fil-bżonn ma jħossux li qed jieħu l-karità. Li s-soċjetà qed tipprovdi għalih, għandu jkun jista' jieħdu bi dritt mingħajr obbligi. Il-politika soċjali Laburista taħdem biex issib bilanċ sħiħ bejn il-bżonn ta' l-individwu u s-sens ta' solidarjetà li s-soċjetà tkun qed turi f'għajnuna u f'appoġġ lill-individwu.

Gvern Laburista ġdid ukoll irid jaħdem biex jassigura li x-xibka ta' ħarsien u ta' solidarjetà soċjali adekwata pprovduta f'isem is-soċjetà mill-iStat ma tinkoraġġixxix li l-membri tas-soċjetà li jiġu bżonnha, jaqgħu f'*benefit traps*, li jxekkluhom mill-iżvilupp potenzjali tagħhom, għal ġid tagħhom

stess, ta' familthom, tal-komunità li jgħixu fiha u tas-soċjetà in ġenerali. L-iStat irid jibqa' l-għassies kontra dawn ir-riskji b'leġislazzjoni moderna li tassigura l-ġustizzja u bi strutturi amministrattivi effiċjenti u effettivi li jqisu s-sensittività ta' l-umanità taħt il-gwaj tal-ħajja u fl-istess waqt, jagħrfu l-ħtieġa li fil-proċess ta' ħidmiethom jgħinu biex jiggwidaw lill-membri tas-soċjetà f'dan il-kuntest biex jagħrfu l-potenzjal tagħhom.

Fuq kollox, il-Partit Laburista jħares lejn aġġornament sħiħ tal-qasam tal-*welfare* u tal-qafas leġislattiv li jirregolah, bil-għan li jkun jirrifletti r-realtajiet ta' l-individwi, tal-familji u tas-soċjetà in ġenerali.

Jeħtieġ li f'dan il-proċess ta' aġġornament jiġi mgħarrbel, ikkunsidrat u sussegwentement rifless il-kunċett tal-piżijiet fuq l-individwi u l-familji u mhux biss it-*test* tal-mezzi. Dan bil-għan li jiġi assigurat li l-qasam tal-ħarsien u tas-solidarjetà soċjali jindirizza bis-serjetà d-diversità ta' problemi soċjali li tant u tant familji qed iħabbtu wiċċhom magħhom illum. B'hekk ikun indirizzat l-kunċett, ta' faqar suġġettiv u relattiv, kunċett li llum fl-Ewropa qed ikun diskuss biex jittieħdu l-azzjonijiet meħtieġa.
Il-Partit Laburista jagħraf u japprezza li kull individwu għandu kapaċitajiet u abbilitajiet, ambizzjonijiet u miri għall-ħajja. Dawn l-ambizzjonijiet, għalkemm ivarjaw minn persuna għall-oħra, huma pjuttost universali u ġenerali. Fost dawn għandek ix-xewqa li persuna jgħix mingħajr inkwiet, ikollha aċċess għal biżżejjed riżorsi biex tgħix fil-kumdità, tgħix fir-rispett u fl-imħabba u li jkollha opportunità li toħloq ħajja ta' kwalità għaliha.

Il-politika tal-Partit Laburista twassal proprju biex jitwettqu dawn il-għanijiet bażiċi. Ir-riżorsi li joffru l-istatistika, ir-riċerka u x-xjenza, il-Partit Laburista fil-Gvern ser iħaddimhom biex isarrafhom f`benefiċċju tanġibbli b'risq il-membri kollha tas-soċjetà bil-għan li kulħadd ikun f'qagħda li jaħtaf l-opportunitajiet adatti għalih u fl-aħħar mill-aħħar jikseb ir-riżultati u l-għanijiet li jixtieq f'ħajtu.

Il-Partit Laburista qatt ma qies lill-membri tas-soċjetà Maltija bħala numru, u l-politika tiegħu dejjem kienet u tibqa' mmirata lejn kull membru tas-soċjetà Maltija li għandu d-dritt li jgħix b'dinjità sħiħa. Il-Partit Laburista jassigura politika għall-familja fejn l-ekonomija u l-finanzi jkunu għan-nies u mhux in-nies għall-ekonomija u l-finanzi.

## Komplimentarità u Kontinwità fil-Politika

### EDUKAZZJONI, FINANZI,U EKONOMIJA U L-ĦARSIEN SOĊJALI

Il-Partit Laburista jirrikonoxxi l-importanza li jiżgura kontinwità u komplimentarità fil-politika tiegħu. Dan għaliex il-Partit Laburista jemmen illi l-aħjar soluzzjoni għall-problemi soċjali ta' pajjiżna hija serje ta' soluzzjonijiet li jindirizzaw l-istess problema minn angoli differenti, iżda bl-istess għan aħħari.

Għal dan il-għan, il-Partit Laburista jwiegħed illi jibbaża l-politika tiegħu fuq stħarriġ soċjali regolari, kif ukoll jwessa' u jsaħħaħ id-djalogu soċjali bejn is-setturi kollha tas-soċjetà sabiex jiżgura komplimentarità bejn il-politika u l-miżuri prattiċi.

Għal dan il-għan ukoll, il-Partit Laburista ser ikompli jistudja u janalizza bir-reqqa l-mudell soċjali Skandinavu u oħrajn relevanti, fejn f'dawn il-pajjiżi rnexxielhom jilħqu bilanċ ammirabbli bejn ekonomija bbażata fuq is-suq ħieles u Stat intervenzjonista li flimkien mas-settur privat iġorr parti kbira mir-resposabbiltà tal-ħarsien soċjali tal-pajjiż. Dan il-mudell soċjali wassal għal fost l-aħjar livelli ta' għixien u kwalità tal-ħajja fid-dinja.

Il-Partit Laburista ser ikompli jħares bir-reqqa wkoll lejn il-bidliet fl-amministrazzoni pubblika illi seħħew fir-Renju Unit, bidliet illi għandhom ikunu ta` interess partikolari għal Malta minħabba l-fatt li s-sistema ta' amministrazzjoni pubblika Maltija hija mibnija fuq dik Ingliża, u minħabba l-fatt illi f'dawn l-aħħar snin, il-mudell soċjo-ekonomiku Ingliż kien iggvernat mil-kunċetti soċjali xprunati minn politika innovattiva li tħares lejn kompromess funzjonali bejn Stat intervenzjonist f'ekonomija bbażata fuq is-suq ħieles.

Il-Partit Laburista fil-Gvern ikun obbligat ukoll li jaħdem biex jinfluwenza d-deċiżjonijiet meħuda fuq livell Ewropew u f'fora internazzjonali oħra, bil-għan li nassiguraw li d-deċiżjonijiet meħuda hemm hekk ma jissarrfux f'theddida ġdida għall-mudell soċjali Malti, u sussegwentement għall-familja Maltija.

# Konklużjoni

## INĦARSU LURA, INĦARSU MADWARNA, INĦARSU `L QUDDIEM

Il-Partit Laburista huwa kburi bil-wirt li għandu, miksub minn snin twal ta' ħidma fil-qasam tal-politika soċjali, kemm meta serva fil-gvern kif ukoll meta serva fl-oppożizzjoni. Dawn is-snin ta' impenn u determinazzjoni għat-twettiq tal-ġustizzja soċjali ipprovdew frott bnin u qawwi u għaldaqstant il-Partit Laburista m'hu lest qatt li jassagrifikah a spejjeż ta' żvilupp ekonomiku u bidliet soċjali bla rażan u bla regolamentazzjoni xierqa.

Għal Partit Laburista l-iżvilupp ekonomiku u l-bidliet soċjali jqishom f'kuntest ta' kif il-potenzjal tal-familja u l-membri l-oħra kollha tas-soċjetà, se jkunu aktar żviluppati, imsaħħa u sostnuti biex tkun assigurata ħajja aktar sħiħa, kompluta u mimlija li tixraq id-dinjità tal-bniedem.

Il-Partit Laburista jagħraf ukoll il-bżonn li b'kontinwità u mhux bi skossi, jibqa' jistudja u janalizza bir-reqqa l-iżviluppi fil-politika soċjali internazzjonali, speċjalment fejn tidħol il-familja. Il-mudelli

soċjali ta` ċerti pajjiżi, partikolarment tal-pajjiżi Skandinavi, li huma magħrufa għal bilanċ li rnexxielhom isibu bejn livell għoli ta' ħarsien soċjali u tkabbir ekonomiku u sostenibbiltà finanzjarja, huma ta` interess partikolari għall-Partit Laburista.

Il-Partit Laburista jintrabat li jagħmel użu sħiħ mill-opportunitajiet u mill-fondi li toffri l-Unjoni Ewropea, partikolarment dawk li jaqgħu taħt il-Fond Soċjali Ewropew (ESF), u l-Fond għall-Iżvilupp Rurali Ewropew, (ERDF), sabiex jippromwovi u jsaħħaħ il-familja bħala il-fus u l-mudell tas-soċjetà.

Jikkommetti ruħu wkoll li jagħti l-kontribut tiegħu fil-fora ta' diskussjoni Ewropea, fosthom il-ECOSOC, biex Malta tkun dejjem f'qagħda aħjar, li mhux biss twassal l-esperjenzi partikolari tagħha, iżda toħloq kuxjenza akbar dwar politika Ewropea li tagħraf, tagħrbel, tqis u tiżviluppa għarfien għax-xewqat tas-soċjetajiet u kulturi diversi li llum jinsabu fi ħdan l-Unjoni, bit-tama li l-karatteristiċi Maltin ma jintilfux f'politika li timmira biss li tarmonizza kollox mingħajr konsiderazzjoni għall-identità ta' popli bħal tagħna.
Il-Partit Laburista, konxju tas-sitwazzjoni li l-familja Maltija tinsab fiha u konxju ta` l-importanza ta` politika soċjali li tħares lejn il-familja kemm bħala mezz għal ħajja aħjar, kif ukoll bħala fini ta` ħajja aħjar, jintrabat li fil-politika tiegħu jqis lill-familja bħala l-punt fokali għall-politika soċjali u punt ta` riferiment għall-politika ekonomika u finanzjarja.

Għaldaqstant, Gvern Laburista ġdid, fost affarijiet oħra, huwa determinat li jsaħħaħ l-istruttura konsultattiva li jipprovdi l-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali, b'mod li jassigura li l-vuċi soċjali tal-poplu tkun waħda qawwija u li tingħata l-konsiderazzjonijiet kollha meħtieġa fid-deliberazzjonijiet u fil-konklużjonijiet ta' kwalunkwe politika li tkun qed tinħema. Gvern Laburista ġdid jimpenja ruħu biex isaħħaħ il-mezzi ta' konsultazzjoni ma' l-għaqdiet mhux governattivi u ma' kummissjonijiet nazzjonali mwaqqfa speċifikament għal dan il-qasam, biex kwalunkwe politika għal familja, qabel ma tkun deċiża, tinkwadra fiha mhux biss l-*expertise* iżda wkoll l-esperjenzi prattiċi ta' dawn l-entitajiet

Għaldaqstant, il-Partit Laburista, b'sens ta' umiltà iżda b'sens ta' ħerqa biex iwettaq, iħeġġeġ, għall-mandat popolari ħalli jingħata l-għodda li bihom isaħħaħ il-familja Maltija u b'hekk jixpruna b'mod effettiv il-potenzjal kbir tal-familja Maltija biex mhux biss nassiguraw, li lkoll ingawdu minn ħajja aħjar u ta' kwalità f'kull sens, iżda biex verament il-familja Maltija tkun il-fus tas-soċjetà tagħna u b'hekk insaħħu mill-ġdid is-sisien ta' pajjiżna.

# IL-PROPOSTI FIL-QOSOR

- Nippromwovu l-mudell soċjali Ewropew kif ġie artikolat fis-seduta tal-Parlament Ewropew f'Settembru tal-2006. Dan il-mudell huwa bbażat fuq viżjoni ta' soċjetà li torbot it-tkabbir ekonomiku mat-titjib fil-livell ta' l-għixien u fil-kwalità tal-ħajja tal-familja tagħna.

- Nibnu u nsaħħu bil-kbir l-istrutturi li jipprovdu ħidma preventiva, biex jiġi żgurat li jsir l-isforz kollu, ħalli fejn huwa possibbli nilqgħu u negħlbu d-diffikultajiet u l-problemi qabel dawn jaħkmu lill-familja.  Nemmnu f'investiment qawwi fil-prevenzjoni, biex jinħlew mill-anqas riżorsi fil-kura, b'hekk jonqsu dawk li jaqgħu fil-gwaj u li sussegwentement ikollhom bżonn il-kura.

- Il-*carers* u l-għalliema ta' uliedna jkunu konxji tar-responsabbiltà ħafna akbar minn qabel, li llum għandhom fuq spallithom.  Nagħtu  l-mezzi biex dawk li jiġu f'kuntatt ma' uliedna fl-istituzzjonijiet rispettivi, jkunu mhux biss konxji, iżda mħarrġa biex jagħtu u jgħaddu dawk il-*life skills* u dimensjoni ta' valur u drawwiet sani lejn il-ħajja, li qabel kienet tkun l-omm b'mod partikolari li tgħaddihom lil uliedha.

- Niżviluppaw politika li tinkoraġġixxi u tinċentiva lill-membri f'familji estiżi li jixtiequ jkunu *carers* ta' xi familjari anzjani tagħhom. Nagħrblu dak li sal-lum qed jiġi offrut, neħilsu mill-anomaliji u d-diskriminazzjoni li sal-lum għadhom jeżistu bejn dawk li jixtiequ jindukraw u jikkuraw lil dawn il-familjari anzjani tagħhom u nintroduċu miżuri ġodda biex effettivament, għadd ta' anzjani ma jkollhomx il-ħtieġa li fl-aħħar ta' ħajjithom jitbegħdu mill-familja, mill-komunità u jistituzzjonalizzaw irwieħhom fejn sfortunatament, ħafna drabi jħossuhom aktar numru milli individwi.

- Nimpenjaw ruħna li nirregolaw is-settur tal-*carers* permezz ta' leġislazzjoni li tagħraf ir-responsabbiltà, l-obbligi u d-drittijiet tagħhom.

– Għal gruppi ta` ċittadini li huma l-iktar vulnerabbli u li għandhom l-ikbar ċans li jispiċċaw emarġinati, mhux produttivi u dipendenti fuq l-iStat fil-futur bħal tfal, partikolarment tfal li ġejjin minn familji instabbli, tfal li ġejjin minn familji li jinsabu f'diffikultà finanzjarja, u tfal li jsibu diffikultajiet iktar minn oħrajn fl-iżvilupp personali tagħhom, anzjani, in-nisa, ommijiet u missirijiet weħedhom, żgħażagħ illitterati jew mingħajr ħiliet u snajja' żviluppati, u persuni b'diżabilità nipproponu politika li tanalizza bir-reqqa l-problemi li qed jiltaqgħu magħhom u li potenzjalment ser jiltaqgħu magħhom fil-futur, fl-istadji varji tal-proċess ta' ħajjithom.

– Nintensifikaw il-proċess ta' smiegħ u diskussjoni, ta' analiżi, ta' leġislar fejn jinħtieġ, fit-tisħiħ ta' strutturi amministrattivi eżistenti u fejn jeħtieġ fi twaqqif ta' strutturi amministrattivi oħra effettivi u effiċjenti, primarjament fil-qasam edukattiv, tas-saħħa, tal-ħarsien u solidarjetà soċjali sabiex intaffu d-diffikultajiet li dawn l-individwi, minħabba is-sitwazzjonijiet tagħhom jiffaċċjaw iktar minn ħaddieħor.

– Naħdmu biex niżguraw li dawk li jridu jwaqqfu familja ma jkunux magħfusa bla rażan b'esiġenzi per eżempju finanzjarji li jiddettawlhom l-istil ta' ħajja tagħhom u ta' l-ulied eventwali fil-familja. Illum, sfortunatament, li koppja takkwista fejn toqgħod, saret fost l-akbar uġiegħ ta' ras. Nimpenjaw ruħna bis-serjetà li nindirizzaw il-problema tal-*housing* soċjali bis-serjetà mingħajr ma ntellfu mill-ispazju li s-settur privat għandu u jista' jkollu.

– Il-Partit Laburista jirrikonnoxxi li l-bidliet li qed iġġib magħha sħubija sħiħa fl-Unjoni Ewropea jistgħu jolqtu ħażin lil diversi gruppi ta' nies fis-soċjetà. B'konformità mal-wegħda ta' l-istess Konferenza Ġenerali tal-Partit Laburista fir-reviżjoni tal-politika barranija Laburista, fis-sena 2004 naħdmu biex nindirrizzaw dawn il-problemi b'mod effettiv.

– Sħubija fl-Unjoni Ewropea tagħtina aċċess għal numru kbir ta` programmi u fondi mill-Unjoni Ewropea li jistgħu jintużaw biex jgħinu direttament l-iżvilupp ekonomiku u soċjali ta' pajjiżna, u dan jaffettwa l-iżvilupp soċjo-ekonomiku tal-familja Maltija. Inkunu aktar effettivi u effiċjenti fil-mod ta' kif nistgħu nisfruttaw il-programmi ta' l-Unjoni Ewropea għall-iżvilupp tal-familja.

– Nappoġġjaw lill-Kummissjoni Nazzjonali Familja biex taħdem tajjeb bl-għoti tar-riżorsi meħtieġa u bl-appoġġ ta' strutturi amministrattivi li jgħinuha tiżviluppa din il-ħidma.

– Nagħrfu l-ħtieġa ta' l-organizzazzjoni ta' ċentru xjentifiku u akkademiku koordinattiv bejn id-diversi fakultajiet eżistenti fi ħdan l-Università ta' Malta u entitajiet oħra tal-gvern, biex il-Kummissjoni tkun sostnuta regolarment b'riċerka u studji ħalli twettaq ħidmietha b'mod professjonali u tassigura li tikseb ir-riżultati mixtieqa.

– Il-Kunsill Nazzjonali għat-Tfal jingħata r-rwol konsultattiv effettiv biex ikun jista' jkun il-mutur wara

l-iżvilupp kontinwu ta' politika nazzjonali għat-tfal.

– Jitwaqqaf Dipartiment tat-Tfal bħala struttura amministrattiva effettiva biex jagħmilha ta' regolatur u jagħti l-appoġġ meħtieġ għall-iżvilupp ta' politika nazzjonali għat-tfal.

– Il-Kummissarju tat-Tfal jingħata rwol effettiv ta' Ombudsman, bil-għan li t-tfal ikollhom aċċess faċli biex iressqu b'mod prattiku u *friendly* l-ilmenti u d-diffikultajiet tagħhom, biex jiġu investigati u analizzati ħalli jingħataw rimedji effettivi mingħajr dewmien.

– Il-Partit Laburista jidħol għax-xogħol kbir tal-bini ta' leġislazzjoni sħiħa u olistika li jagħti l-għarfien sħiħ lill-ħarsien tad-drittijiet tat-tfal.

– Jinħtieġ li nidħlu għal *appraisal process* dwar is-servizzi li qed jingħataw mill-aġenziji li l-Gvern waqqaf biex tiġi analizzata l-ħidma sfieqa li tant u tant professjonisti ddedikati qed jagħtu fi ħdan dawn l-entitajiet u fil-proċess jiġu iddentifikati l-problemi li dawn l-istess professjonisti qed iġarrbu fit-twettiq ta' dmirijiethom. Jiġi assigurat li s-servizzi li jingħataw ikunu effettivi u jilħqu anke id-domanda dejjem tikber ta' tfal, żgħażagħ u familji li qed ikollhom il-ħtieġa ta' għajnuna speċjalizzata biex jegħlbu d-diffikultajiet soċjali tagħhom.

– Gvern ġdid Laburista iwessa' d-definizzjoni tal-familja biex tinkludi forom differenti tal-familja, partikolarment, familji b`ġenitur wieħed u nidentifikaw u nelimnaw kwalunkwe distinzjoni legali li tippreveni familji b'ġenitur wieħed milli jgawdu d-drittijet ċivili li jgawdu familji konvenzjonali. Dan bl-ebda mod m'għandu jfisser li Gvern Laburista se jkun qed jinkoraġġixxi alternattivi għall-familja konvenzjonali.

– Gvern Laburista ġdid se jkun mhux biss qed jagħrbel permezz tal-Kummissjoni Nazzjonali Familja u ċ-Ċentru tal-Familja fl-Università il-bidliet leġislattivi meħtieġa fid-diversi leġislazzjoni eżistenti, anke fl-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, biex il-kunċett u d-definizzjoni ta' familja tkun aġġornata għar-realtajiet eżistenti, iżda wkoll fejn hemm lok jintroduċi leġislazzjoni ġdida biex niżguraw li dan il-qasam ma jkunx nieqes mill-qafas legali li jeħtieġ biex jiżviluppa u jissaħħaħ.

– Gvern Laburista ġdid se jkun impenjat li jagħmel aġġornament serju ta' l-għajnuna amministrattiva u finanzjarja li llum qed tingħata lil diversi individwi li għandhom responsabbiltà ta' ulied, bil-għan li filwaqt li dawn jibqgħu jingħataw l-għajnuna, ikun mhux biss assigurat li nilqgħu għall-abbuż, iżda wkoll li l-għajnuna li tingħata ma tkunx il-mezz sfortunat li dawn l-individwi jaqgħu lura fis-soċjetà għaliex jaċċettaw li jgħixu bil-ftit u l-karità u joħolqu ambjent għalihom u għal uliedhom ta' aċċettazzjoni bla ħtieġa li jgħixu fil-faqar u sussegwentement ta' emarġinazzjoni.

– Naħdmu biex negħlbu l-ostakli strutturali soċjali, kulturali u ekonomiċi li jżommu lill-mara jew

lir-raġel milli jagħtu l-kontribut sħiħ tagħhom lejn is-soċjetà jew milli jgawdu il-frott sħiħ tal-ħajja familjari.

– Nidentifikaw ir-raġunijiet prevalenti li qed jikkaġunaw jew isaħħu l-inugwaljanza bejn is-sessi fil-familja u nindirizzaw dawn ir-raġunijiet b'miżuri effiċjenti, effettivi u sostenibbli. Fatturi li Gvern Laburista ser ikun qed jagħti importanza prijoritarja huma differenzi fid- dmirijiet u drittijiet legali bejn in-nisa u l-irġiel, fatturi soċjo-ekonomiċi, kif ukoll fatturi kulturali, reliġjużi u tradizzjonali. Gvern Laburista ġdid iwettaq dak kollu neċessarju sabiex iqiegħed lill-familja bħala l-għan ewlieni wara bidla kulturali f'dawk li huma ideat u valuri marbuta mas-sessi, mal-familja u mal-ħajja domestika fuq skala nazzjonali.

– Gvern Laburista ġdid se jkun qed jaħdem biex jiżgura b'mod mill-aktar effettiv miżuri biex jinħoloq tabilħaqq il-bilanċ mistħoqq bejn ir-responsabbiltajiet tax-xogħol u tal-familja. U dan bil-għan li dawk kollha li jistgħu jkunu produttivi, jkollhom l-għażla li jidħlu fid-dinja tax-xogħol, fl-istess waqt jiġi assigurat li dan ma jagħmluhx għad-detriment la tagħhom personalment minħabba l-kultura u l-mentalità diskriminatorja a bażi ta' sess, fuq kollox mhux a spejjeż tal-ħajja familjari.

– L-introduzzjoni ta' *work practices family friendly* u ta' oħrajn diġà eżistenti, huma ta' importanza kbira. L-inizjattivi għall-ħolqien ta' opportunitajiet ta' xogħol, fejn il-ġenituri jistgħu jaħdmu kemm minn djarhom, u/jew f'ambjent flessibli ta' xogħol se jkunu mhux biss inkoraġġiti minn Gvern Laburista ġdid, iżda s-settur privat se jkun inċentivat biex jagħmel ħiltu ħalli dejjem fejn hu possibli l-post tax-xogħol tiegħu jkun *family* u *gender friendly*.

– Niddedikaw iktar riżorsi sabiex nindirizzaw il-problemi li jiffaċċjaw ulied li jitwieldu jew jgħixu f'familji mhux konvenzjonali. Inħarsu lejn il-fatturi kemm legali, kif ukoll materjali, soċjali, psikoloġiċi jew oħrajn li jistgħu jxekklu lill-ulied milli jgawdu t-tfulija, l-adoloxxenza u ż-żgħożija tagħhom, u milli jiżviluppaw il-kapaċitajiet u l-ħiliet tagħhom kif meħtieġ.

– Niddedikaw iktar riżorsi għall-kampanja ta' għarfien u promozzjoni, immirata lejn il-familji sabiex tiżdied l-informazzjoni, iqum l-għarfien u jitqanqal dibattitu dwar id-drittijiet tal-ulied fil-familja.

– Ninvolvu lis-soċjetà ċivili u l-Knisja, speċjalment dawk l-organizazzjonijiet li jaħdmu mal-familji u ma` l-ulied fi proċess kontinwu ta' djalogu, konsultazzjoni, leġislazzjoni u evalwazzjoni, biex tiġi assigurata li l-membri kollha tal-familja mhux biss ikunu konxji tad-drittijiet u ta' l-obbligi tagħhom, iżda jkunu huma stess il-katalisti li jaraw li kull membru jingħata l-appoġġ u l-ħarsien li jeħtieġ għat-tgawdija tad-drittijiet tiegħu jew tagħha.

– Insegwu l-konvenzjonijiet internazzjonali dwar id-drittijiet tat-tfal u l-ħarsien tagħhom, partikolarment dawk il-provedimenti u miżuri konkreti li joħorġu mill-Konvenzjoni tal-Ġnus

Magħquda u li Malta hija mhux biss firmatorja tagħha illum iżda impenjata li twettaq.

– Insaħħu l-funzjoni ta' l-Avukat tat-Tfal fi ħdan il-Qorti tal-Familja u f'ambjenti oħra fejn ikollhom jitħaddmu proċeduri legali fir-rigward tat-tfal u li sussegwentement jistgħu jkunu effettwati.

– Mill-Gvern b'mod immedjat fi djalogu ma' dawk li ħadmu f'dan il-qasam, fil-qasam ta' l-adozzjoni u tal-*foster care*, nidħlu għal eżerċizzju biex fl-iqsar żmien nirregolarizzaw f'qafas legali l-*foster care* u nemendaw il-liġijiet li jikkonċernaw l-adozzjoni.

– Naħdmu bis-sħiħ sabiex naqsmu l-fondoq li jeżisti bejn il-ġenerazzjoni żagħżugħa u dik anzjana billi jitwaqqfu entitajiet rappreżentattivi u konsultattivi ta' ġenerazzjonijiet varji li jirrapreżentaw il-membri tagħhom fid-djalogu soċjali u politiku ta' pajjiżna.

– Tkun prijorità għalina li nibbilanċjaw id-dmirijet tal-iStat u tal-familja f'dik li hi kura tat-trabi, u, iktar importanti, ta' l-anzjani. Nippromwovu l-aħjar prassi tal-kura tat-trabi u ta' l-anzjani f'istituzzjonijiet tal-iStat fost il-familiji, bil-għan illi titjieb il-kwalità u l-livell ta' kura fid-dar.

– Nindirizzaw il-problemi li jġibu magħhom l-bidliet soċjali u ekonomiċi mgħaġġla tal-pajjiż u li qed ipoġġu theddida fuq il-livell ta' l-għixien u l-kwalità tal-ħajja ta' għadd ta' familji. Membri tas-soċjetà tagħna jistgħu jispiċċaw esklużi, emarġinati u vulnerabbli. Fost dawn il-membri tas-soċjetà tagħna li jinsabu f'dan ir-riskju, insibu t-tfal u ż-żgħażagħ, l-anzjani, l-persuni b'diżabilità u ommijiet xebbiet. Nagħmlu studju soċjoloġiku u ekonomiku bir-reqqa dwar il-problemi li dawn il-membri tas-soċjetà qed jiffaċċjaw, sabiex jara l-kawża vera, jkejjel id-daqs tal-problema u jifformola sensiela ta' miżuri effettivi u sostennibli.

– Insaħħu x-xibka tal-ħarsien u solidarjetà soċjali f'pajjiżna, billi ninkludu l-istituzzjoni tal-familja bħala msieħba sħiħa ta' l-istruttura tal-ħarsien u tas-solidarjetà soċjali.

– Issir kampanja ta' promozzjoni, edukazzjoni, u tixrid ta' l-aħjar prassi, biex jitħaddem *empowerment process* għal dawk kollha li huma f'riskju ta' emarġinazzjoni, esklużjoni u faqar.

– Inkunu lest li nibnu xibka ta' inċentivi anki fejn hemm bżonn inċentivi finanzjarji, dejjem fil-kuntest tal-bżonn u t-tħaddim ta' dixxiplina xierqa tal-finanzi pubbliċi, għal min jagħżel li jieħu ħsieb il-membri dgħajfa u vulnerabbli tas-socjetà f'daru u fil-komunità fejn jgħix. Dan l-iżvilupp ta' *caring community*, Gvern Laburista jkun lest li jirregolah b'livelli u bi *standards* miġbura f'qafas legali xieraq.

– Gvern ġdid Laburista jagħrbel, janalizza u jiddeċiedi, anki ma' l-imsieħba soċjali, is-saħħa tal-paga minima nazzjonali, bil-għan li din il-paga ma tibqax tmiss mal-linja tal-faqar bir-riskju li

familja li l-unika dħul tagħha huwa marbut ma' din il-paga, jispiċċaw jgħixu fir-riskju tal-faqar jew fil-faqar tassew.

– Gvern Laburista ġdid jagħrbel il-kunċett tal-*working poor* (il-fqar li jaħdmu) bil-għan li jindirizza l-problema li kontinwament qed tinħoloq fejn ħaddiema u impjegati qed iħossuhom diżinċentivati li jaħdmu u fejn xi wħud qed jippreferu jibqgħu fuq il-benefiċċji soċjali u kultant jagħmlu xi ġurnata xogħol minn taħt milli jidħlu b'mod korrett fis-suq tax-xogħol.

– Gvern Laburista ġdid, iwaqqaf Kummissjoni Nazzjonali dwar il-Pagi Baxxi (*Low Wage Commission*), biex tevalwa s-sitwazzjoni u tirrikmanda x'għandu jsir, mingħajr ma' jkun ta' detriment għal dawk il-ħaddiema, impjegati, u min iħaddem, li jaħdmu qatigħ biex jiksbu għalihom infushom livell ta' għixien u kwalità ta' ħajja li jixirqilhom.

– Nindirizzaw il-faqar fost it-tfal, li sfortunatament matul dawn l-aħħar snin ħakem u qed jaħkem madwar 21% ta' tfal bejn trabi u 15-il sena.

– Gvern Laburista ġdid jagħti każ il-bżonnijiet tal-familji li għandhom membri fosthom li jbatu minn xi forma ta' dizabilità. Flimkien ma' l-għaqdiet mhux governattivi li jaħdmu f'dan il-qasam jidħol fi proċess ta' diskussjoni u konsultazzjoni biex flimkien tinbena politika nazzjonali li tindirizza d-diversi aspetti tal-bżonnijiet ta' dawn il-membri tal-familji tagħna, bi pjan ta' ħidma mifrux fuq perjodu ta' snin u b'*targets* speċifiċi għat-twettiq effettiv ta' dan il-pjan.

– 55% tal-familji b'ġenitur wieħed jinsabu f'riskju ta' faqar. Nanalizzaw x'għandu jsir konkretament, l-ewwelnett biex nagħtu *empowerment* lil dawn il-ġenituri, iżda żgur ukoll biex b'mod immedjat intejbu l-qagħda finanzjarja u soċjali tagħhom għal ġid partikolarment ta' uliedhom.

– Fil-qasam tal-familji b'ġenitur wieħed, li jinkludi ġenituri separati, romol u ommijiet xebbiet, nagħrblu wkoll bżonnijiet oħra biex jitwettqu r-riformi amministrattivi li hemm bżonn inkluzi dawk leġislattivi.

– Tiġi indirizzata l-problema tal-pensjoni tar-romol fil-kuntest ta' meta jilħqu l-età ta' sittax-il sena t-tfal.

– Tiġi indirizzata l-kwistjoni ta' l-għoti tal-manteniment lil ġenituri separati u lil uliedhom, billi anke jsiru l-emendi neċessarji fil-kodiċi ċivili.

– Il-Qorti tal-Familja trid tkun riformata u l-funzjoni ta' l-Avukat tat-Tfal tiġi msaħħa f'każijiet partikolarment ta' separazzjonijiet.

– L-istituzzjoni ta' l-għajnuna legali trid tkun riformata biex taqdi lil tant ġenituri li finanzjarjament huma limitati ħafna u li jsibu diffikultajiet kbar biex jiksbu ġustizzja u aktar u aktar biex il-proċess ġudizzjarju jkun tali li jirrifletti l-verità tal-fatti għaliex l-parti bla mezzi ssib l-għajnuna ta' avukati li jagħtuha l-attenzjoni li tixirqilha.

– Fejn jidħlu l-ommijiet xebbiet jeħtieġ li ssir riforma sħiħa biex l-ewwelnett jingħataw l-edukazzjoni għal ħajja, biex jiksbu life *skills* meħtieġa, partikolarment ta' *parenting skills*, biex jifhmu l-ħtieġa ta' pjan għal ħajja u biex ma jaqgħux fil-faqar. Jeħtieġ li dawn il-ġenituri jingħataw *empowerment* sħiħ biex ma jkunux vittmi ta' *benefit traps* fejn huma u wliedhom jispiċċaw bla aspirazzjonijiet f'ħajjithom.

– Fil-kuntest ta' l-esklużjoni jinħtieġ ukoll li jkunu indirizzati l-effetti fuq il-familja maħluqa minn problemi ta' saħħa mentali u traġedji mhux mistennija.

– Nagħmlu *review* tal-politika dwar is-saħħa mentali li issa ilha s-snin tinħema minn għadd ta' entitajiet fosthom l-għaqdiet mhux governattivi li jaħdmu f'dan il-qasam, biex dawk il-miżuri li jeħtieġu l-attenzjoni immedjatament jitwettqu, filwaqt li miżuri oħrajn ikunu inkorporati fi pjan ta' ħidma mifrux fuq perjodu xieraq ta' żmien b'*targets* speċifiċi li jkunu jridu jintlaħqu fiż-żmien stabbilit.

– Jeħtieġ ukoll li familji milquta bi traġedji mhux mistennija jsibu l-appoġġ u s-solidarjetà organizzata mhux biss materjali iżda wkoll psikologiku, fejn ikun hemm bżonn.

– Kategorija oħra ta' familji li huma f'riskji ta' esklużjoni u faqar huma dawk milquta minn kriminalità, kemm jekk kienu l-vittmi tal-kriminalità kif ukoll jekk kien xi membru tal-familja tagħhom li wettaq il-kriminalità. Flimkien ma' għaqdiet mhux governattivi jiġu introdotti miżuri ta' għajnuna prattika kemm għal vittmi kif ukoll għal familja tal-*perpretrators* u l-*perpretrator* innifsu.

– Il-problemi tad-droga, ta' l-abbuż mill-alkoħol u l-logħob ta' l-azzard qed jherru lil għadd kbir ta' familji u lis-soċjetà in ġenerali.  Nimpenjaw ruħna bis-sħiħ biex insaħħu l-aġenziji ta' l-iStat biex il-programmi ta' edukazzjoni u prevenzjoni  jingħataw prijorità ħafna akbar fil-ħidma tagħhom.

– Jeħtieġ ukoll isiru b'regolarità programmi edukattivi u ta' prevenzjoni fuq livell komunitarju kif ukoll fuq il-postijiet tax-xogħol.

– Servizzi kurattivi li llum jingħataw jeħtieġ li jiġu *reviewed*, aġġornati u msaħħa bil-għan li jiġu indirizzati l-akbar ammont ta' żgħażagħ li sfortunatament jiżolqu mill-proċess ta' edukazzjoni u prevenzjoni.

– Għandha tkun mira ewlenija li l-istituzzjoni ta' l-għajnuna legali eżistenti, tiġi taħt iskrutinju, u tkun riformata u aġġornata bil-għan li jkun assigurat li kulħadd f'dan il-pajjiż ikollu d-dritt fundamentali ta' aċċess għal ġustizzja.

– Jeħtieġ ukoll li ssir analiżi anki fid-dawl ta' l-emendi riċenti u jsiru r-reviżjonijiet meħtieġa biex il-Qorti tal-Familja, ittejjeb l-operat tagħha biex ma jkunx hemm żmien moħli li jaffettwa l-andament tal-proċeduri ġudizzjarji a skapitu tal-familja u d-diversi membri tagħha.

– Hemm bżonn ukoll reviżjoni fit-tariffi u fit-taxxa tal-Qorti fejn jidħlu diffikultajiet ta' familji li jkunu għaddejjin minn kriżijiet u s-soluzzjonijiet tagħhom ifittxuhom permezz ta' proċeduri legali.

– Tinħass ħtieġa kbira wkoll għall-aġġornament u għat-tisħiħ tal-Qorti tat-Tfal *(Juvenile Court)*.

– Gvern Laburista ġdid se jkun impenjat bis-sħiħ ukoll biex jassigura li professjonisti bħal *social workers,* psikologi, psikjatri, *family therapists,* tobba u oħrajn, jinagħtaw id-dinjità u l-ħarsien tal-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħhom kif ukoll nipprovdu l-aqwa edukazzjoni u tagħrif f'dawn l-oqsma.

– Gvern Laburista ġdid jassigura wkoll li l-għadd ta' professjonisti ingaġġati fil-qasam tal-familja jkun wieħed adekwat biex kemm l-istess professjonisti ma jkunux mgħobbija b'*case loads* aktar milli jifilħu u fl-istess waqt jiġi assigurat li ma jkunx hemm *waiting lists* ta' persuni li jkunu jeħtieġu servizzi urġenti biex jiġu indirizzati problemi serji li jkollhom.

– Il-Partit Laburista jħares lejn aġġornament sħiħ tal-qasam tal-*welfare* u tal-qafas leġislattiv li jirregolah, bil-għan li jkun jirrifletti r-realtajiet ta' l-individwi, tal-familji u tas-soċjetà in ġenerali. Jinħtieġ li f'dan il-proċess ta' aġġornament jiġi mgħarrbel, ikkunsidrat u sussegwentement rifless il-kunċett tal-piżijiet fuq l-individwi u l-familji u mhux biss it-test tal-mezzi.

– Il-Partit Laburista ser ikompli jistudja u janalizza bir-reqqa il-mudell soċjali Skandinavu u oħrajn relevanti, fejn f'dawn il-pajjiżi irnexxielhom jilhqu bilanċ ammirabbli bejn ekonomija bbażata fuq is-suq ħieles u stat intervenzjonista li flimkien mas-settur privat iġorr parti kbira mir-resposabbiltà tal-ħarsien soċjali tal-pajjiż.

– Il-Partit Laburista ser ikompli jħares bir-reqqa wkoll lejn it-tibdiliet fl-amministrazzjoni pubblika illi seħħew fir-Renju Unit, tibdiliet illi għandhom ikunu ta' interess partikolari għal Malta minħabba il-fatt illi is-sistema ta' amministrazzjoni pubblika Maltija hija mibnija fuq dik Ingliża, u minħabba il-fatt illi f'dawn l-aħħar snin, il-mudell soċjo-ekonomiku Ingliż kien iggvernat mil-kunċetti soċjali xprunati minn politika innovattiva illi tħares lejn kompromess funzjonali bejn Stat intervenzjonist f'ekonomija ibbażata fuq is-suq ħieles.

- Il-Partit Laburista fil-Gvern ikun obbligat ukoll li jaħdem biex jinfluwenza d-deċiżjonijiet meħuda fuq livell Ewropew u f'fora internazzjonali oħra, bil-għan li nassiguraw li d-deċiżjonijiet meħuda hemm hekk ma jissarfux f'theddida ġdida għall-mudell soċjali Malti, u sussegwentement għall-familja Maltija.

- Il-Partit Laburista jintrabat li jagħmel użu sħiħ mill-opportunitajiet u mill-fondi li toffri l-Unjoni Ewropea, partikolarment dawk li jaqgħu taħt il-Fond Soċjali Ewropew (ESF), u l-Fond għall-Iżvilupp Rurali Ewropew, (ERDF), sabiex jippromwovi u jsaħħaħ il-familja bħala il-fus u l-mudell tas-soċjetà.

- Jikkommetti ruħu wkoll li jagħti il-kontribut tiegħu fil-fora ta' diskussjoni Ewropea, fosthom il-ECOSOC, biex Malta tkun dejjem f'qagħda aħjar li twassal l-esperjenzi partikolari tagħha u toħloq kuxjenza akbar dwar politika Ewropea li tagħraf, tagħrbel, tqis u tiżviluppa għarfien għax-xewqat tas-soċjetajiet u kulturi diversi li llum jinsabu fi ħdan l-Unjoni Ewropea.

- Insaħħu l-istruttura konsultattiva li jipprovdi l-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali, b'mod li jassigura li l-vuċi soċjali tal-poplu tkun waħda qawwija u li tingħata l-konsiderazzjonijiet kollha meħtieġa fid-deliberazzjonijiet u fil-konkluzjonijiet ta' kwalunkwe politika li tkun qed tinħema.

- Gvern Laburista ġdid jimpenja ruħu biex isaħħaħ il-mezzi ta' konsultazzjoni ma' l-għaqdiet mhux governattivi u ma' kummissjonijiet nazzjonali biex kwalunkwe politika għall-familja, qabel ma tkun deċiża, tinkwadra fiha mhux biss l-*expertise* iżda wkoll l-esperjenzi prattiċi ta' dawn l-entitajiet.

www.mlp.org.mt